

Brussell, 19 ta' Mejju 2017
(OR. en)

9459/17

DEVGEN 110
ACP 54
RELEX 438

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	19 ta' Mejju 2017
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	9393/17 + COR 1
Suġġett:	Il-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-Kunsens Ewropew il-ġdid għall-Iżvilupp, kif adottat mill-Kunsill fit-3540 laqgħa tiegħu li saret fid-19 ta' Mejju 2017.

Il-Kunsill ser jgħaddi t-test adottat lill-Parlament Ewropew sabiex dan ikun jista' jiffinalizza l-proċeduri interni tiegħu bil-ħsieb tal-iffirmar konġunt li jmiss fil-forma ta' dikjarazzjoni konġunta mill-Kunsill u r-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni.

**IL-KUNSENS EWROPEW ĠDID GĦALL-IŻVILUPP
“ID-DINJA TAGĦNA, ID-DINJITÀ TAGĦNA, IL-FUTUR TAGĦNA”**

1. L-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli (Aġenda 2030), adottata min-Nazzjonijiet Uniti f'Settembru 2015, hija r-rispons tal-komunità internazzjonali għall-isfidi u x-xejriet globali fir-rigward tal-Iżvilupp Sostenibbli. Bl-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) fil-qalba tagħha, l-Aġenda 2030 hija qafas politiku trasformattiv biex jeqred il-faqar u jikseb żvilupp sostenibbli globalment. Hija tibbilanċja d-dimensjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali tal-iżvilupp sostenibbli, inkluż il-kwistjonijiet ewlenin ta' governanza u ta' soċjetajiet paċifiċi u inklużivi, filwaqt li tirrikonoxxi l-interkonnessjonijiet essenzjali bejn l-għanijiet u l-miri tagħha. Hija għandha tiġi implimentata fl-intier tagħha u mhux b'mod selettiv. L-Aġenda 2030 għandha l-għan li ma tħalli lil ħadd jibqa' lura u li l-ewwel tfitx li tilħaq lil dawk li l-aktar baqgħu lura.
2. L-evoluzzjoni mill-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju (MDGs) għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tirrifletti l-approċċ li qed jinbidel għall-iżvilupp globali. Dan l-approċċ, ibbażat fuq l-iżvilupp sostenibbli u d-drittijiet tal-bniedem, huwa konsistenti b'mod sħiħ mal-valuri u l-prinċipji tal-UE. L-Aġenda 2030 u s-17-il SDG tagħha huma universali u japplikaw għall-pajjiżi kollha fl-istadji kollha ta' żvilupp, abbażi tas-sjieda nazzjonali u r-responsabbiltà kondiviża. Is-sħubijiet bejn diversi partijiet ikkonċernati huma kruċjali għall-implimentazzjoni tal-SDGs.
3. L-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa (AAAA), bħala parti integrali mill-Aġenda 2030, tistabbilixxi paradigma ġdida għall-implimentazzjoni permezz tal-użu effikaċi ta' mezzi finanzjarji u mhux finanzjarji billi tpoġġi l-azzjoni domestika u l-politiki sodi fuq quddiem. Barra minn hekk, l-Aġenda 2030 hija kkomplementata mill-Qafas ta' Sendai dwar it-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri u l-Ftehim ta' Pariġi dwar it-Tibdil fil-Klima, li jipprovdi qafas legalment vinkolanti li jpoġġi l-isforzi globali dwar il-klima fuq perkors ġdid. L-implimentazzjoni ta' dawn l-impenji għandha tkun ibbażata fuq ordni globali bbażata fuq ir-regoli, bil-multilateraliżmu bħala l-prinċipju ewlieni tagħha u n-Nazzjonijiet Uniti fil-qalba tagħha.

4. L-UE u l-Istati Membri tagħha huma impenjati għal ħaġġa dinjituża għal kulħadd li tirrikonċilja l-prosperità u l-effiċjenza ekonomiċi ma' soċjetajiet paċifiċi, l-inklużjoni soċjali u r-responsabbiltà ambjentali. B'dan il-mod, l-isforzi ser ikunu mmirati lejn il-qerda tal-faqar, it-tnaqqis tal-vulnerabbiltajiet u l-affrontar tal-inugwaljanzi biex jiġi żgurat li ħadd ma jitħalla lura. Bil-kontribut tagħhom biex l-Aġenda 2030 tirnexxi, l-UE u l-Istati Membri tagħha ser irawmu wkoll Ewropa aktar b'saħħitha, aktar sostenibbli, inklużiva, sigura u prospera.
5. Dan il-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp ipoġġi l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 fi sħubija mal-pajjiżi kollha fil-fażi tal-iżvilupp, waqt li jieħu kont debitu tal-qafas provdut mit-Trattat ta' Lisbona. Barra minn hekk, l-Istrateġija Globali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-UE (l-Istrateġija Globali) tipprovdi viżjoni ġenerali għal impenn għaqli, kredibbli u risponsiv fid-dinja.
6. L-għan ta' dan il-Kunsens huwa li jipprovdi l-qafas għal approċċ komuni għall-politika tal-iżvilupp li ser jiġi applikat mill-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri b'rispett sħiħ tar-rwoli u l-kompetenzi distinti ta' xulxin. Huwa ser jiggwida l-azzjoni tal-istituzzjonijiet tal-UE u tal-Istati Membri fil-kooperazzjoni tagħhom mal-pajjiżi kollha fil-fażi tal-iżvilupp. L-azzjonijiet mill-UE u l-Istati Membri tagħha ser jissaħħu b'mod reċiproku u jiġu kkoordinati biex jiġu żgurati l-komplementarjetà u l-impatt.

1. IR-RISPONS TAL-UE GĦALL-AĠENDA 2030

1.1. Azzjoni tal-UE aktar b'saħħitha u effikaċi f'dinja li qed tinbidel

7. L-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jirrispondu għall-isfidi u l-opportunitajiet globali attwali fid-dawl tal-Aġenda 2030. Huma ser jimplimentaw l-Aġenda 2030 fil-politiki interni u esterni kollha b'approċċ komprensiv u strateġiku, u jintegraw it-tliet dimensjonijiet tal-iżvilupp sostenibbli b'mod bilanċjat u koerenti, u jindirizzaw ir-rabtiet bejn l-SDGs differenti, kif ukoll l-impatti usa' tal-azzjonijiet domestiċi tagħhom fil-livell internazzjonali u globali. L-implimentazzjoni ser tkun ikkoordinata mill-qrib ma' dik tal-Ftehim ta' Pariġi dwar it-Tibdil fil-Klima u ma' impenji internazzjonali oħra, inkluż l-Aġenda Urbana Ġdida.
8. F'dan il-qafas ġenerali, approċċ koerenti u koordinat għall-azzjoni esterna tal-UE ser ikun importanti għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-Aġenda 2030 globalment. Bil-kompożizzjoni istituzzjonali u l-istrumenti politiċi tagħha previsti bit-Trattat ta' Lisbona, l-UE hija mġhammra tajjeb biex tirrispondi għall-isfidi u l-opportunitajiet globali fejn dawn jinqalġu.
9. L-Istrateġija Globali tal-UE tistabbilixxi viżjoni għall-impenn tal-UE fid-dinja, permezz ta' firxa ta' politiki. Hija tenfasizza r-rwol importanti tal-Aġenda 2030, li għandha l-potenzjal li tagħti bidu għat-trasformazzjoni meħtieġa favur il-valuri tal-UE u l-oġettivi tal-azzjoni esterna tal-UE. L-SDGs ser ikunu dimensjoni trasversali tal-ħidma kollha biex timplimenta l-Istrateġija Globali tal-UE. Dan il-Kunsens ser jikkontribwixxi għall-kisbiet tal-prijoritajiet tal-azzjoni esterna tal-UE, inkluż permezz ta' appoġġ għar-reżiljenza fil-livelli kollha. B'dan il-mod, l-UE u l-Istati Membri tagħha ser irawmu approċċ dinamiku u multidimensjonali għar-reżiljenza biex jindirizzaw il-vulnerabbiltà għal diversi riskji relatati ma' xulxin.

1.2. Ir-Rispons dwar l-Iżvilupp

10. Dan il-Kunsens huwa l-pedament tal-politika tal-UE dwar l-iżvilupp, li huwa parti mir-rispons ġenerali tal-UE għall-aġenda 2030. L-objettiv primarju tal-politika tal-UE tal-iżvilupp, kif stabbilit fl-Artikolu 208 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, huwa t-tnaqqis tal-faqar u, fuq żmien twil, il-qerda tiegħu. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser japplikaw il-prinċipju ta' koerenza tal-politiki għall-iżvilupp (PCD), u ser jieħdu kont tal-objettivi ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-politiki esterni u interni kollha li jimplementaw u li x'aktarx jaffettwaw lil pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp. Il-PCD hija parti fundamentali tal-kontribut tal-UE biex l-SDGs jintlaħqu.
11. Il-politika tal-UE tal-iżvilupp issegwi wkoll l-objettivi tal-azzjoni esterna tal-UE b'mod partikolari dawk stabbiliti fl-Artikolu 21(2)(d) tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea (TUE) li jrawmu l-iżvilupp ekonomiku, soċjali u ambjentali sostenibbli ta' pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp, bl-għan primarju li jeqirdu l-faqar. Skont l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 21 (2) TUE, il-politika tal-iżvilupp tikkontribwixxi wkoll fost l-oħrajn għall-appoġġ tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem, il-ħarsien tal-paċi u l-prevenzjoni tal-kunflitt, it-titjib tal-kwalità tal-ambjent u l-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali globali, l-għajnuna lill-popolazzjonijiet, il-pajjiżi u r-reġjuni li jkunu qed iħabbtu wiċċhom ma' diżastri naturali jew ikkaġunati mill-bniedem, u l-promozzjoni ta' sistema internazzjonali bbażata fuq kooperazzjoni multilaterali aktar b'saħħitha u governanza globali tajba. Għalhekk, il-Kunsens ser jikkontribwixxi wkoll għar-reqwiżit tal-iżgurar tal-konsistenza bejn l-oqsma differenti tal-azzjoni esterna tal-UE u bejn dawn u l-politiki l-oħra tagħha.
12. Fattur ewlieni biex jinkisbu dawn l-objettivi komuni huwa li l-UE taġixxi b'mod unit. L-UE u l-Istati Membri tagħha għaldaqstant jintrabtu li jaħdmu flimkien aħjar. Tenħtieġ koerenza akbar bejn l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE. Impenn koerenti u konsistenti ser iwassal għal aktar kredibbiltà, leġittimità, responsabbiltà, valur miżjud, influwenza u impatt pożittiv fid-dinja. L-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom ikunu uniti fid-diversità, bl-użu ta' varjetà ta' esperjenzi u approċċi, filwaqt li jqisu l-vantaġġ komparattiv rispettiv tagħhom.

1.3. Princijpi u Valuri li jiggwidaw l-azzjoni għall-iżvilupp

13. L-UE u l-Istati Membri tagħha jaġixxu f'konformità mal-princijpi tal-azzjoni esterna tal-UE, stabbiliti fl-Artikolu 21(1) tat-TUE: id-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-universalità u l-indiviżibbiltà tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-princijpi tal-ugwaljanza u s-solidarjetà u r-rispett għall-princijpi tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u d-dritt internazzjonali. Dawn il-valuri universali u l-governanza tajba huma fil-qalba tal-Aġenda 2030.
14. Id-djalogu politiku huwa mod importanti kif jiġu promossi l-princijpi ta' żvilupp u għandu wkoll dimensjoni preventiva bl-għan li tiżgura li jiġu rrispettati l-valuri tal-UE. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jintegraw ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija, l-istat tad-dritt u l-ugwaljanza bejn is-sessi fid-djalogu politiku tagħhom. Dan id-djalogu ser jitwettaq ma' gvernijiet sħab u lil hinn minnhom u ser ikun pjattaforma ewlenija għall-azzjoni, fejn ser jiġi promoss fehim kondiviż, ser jiġi rieżaminat il-progress b'mod regolari u jiġu identifikati miżuri xierqa ta' appoġġ.
15. L-ugwaljanza bejn is-sessi hija fil-qalba tal-valuri tal-UE u hija minquxa fil-qafas legali u politiku tagħha. Din hija vitali għall-kisba tal-SDGs u hija preżenti fl-Aġenda 2030 kollha. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jippromwovu d-drittijiet tan-nisa u tal-bniet, l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-awtonomizzazzjoni tan-nisa u l-bniet u l-protezzjoni tagħhom bħala prijorità fl-oqsma kollha ta' azzjoni.
16. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jimplementaw approċċ ibbażat fuq id-drittijiet għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp, li jinkludi d-drittijiet tal-bniedem kollha. Huma ser jippromwovu l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni, in-nondiskriminazzjoni, l-ugwaljanza u l-ekwità, it-trasparenza u r-responsabbiltà. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser ikompli jaqdu rwol ewlieni fl-iżgurar li ħadd ma jitħalla lura jgħix fejn jgħix u irrISPETTIVAMENT mill-etniċità, is-sess, l-età, id-diżabbiltà, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-orjentament sesswali u l-identità tal-ġeneru, l-istatus ta' migrazzjoni jew fatturi oħra. Dan l-approċċ jinkludi l-indirizzar tad-diskriminazzjonijiet multipli li jiffaċċjaw persuni vulnerabbli u gruppi marġinalizzati.

17. L-UE u l-Istati Membri tagħha jagħtu valur lill-parteċipazzjoni ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (CSOs) fl-iżvilupp u jinkoraġġixxu lill-partijiet kollha tas-soċjetà biex jinvolvu ruħhom b'mod attiv. Huma jirrikonoxxu r-rwoli multipli li s-CSOs jaqdu bħala promoturi tad-demokrazija, difensuri tad-detenturi tad-drittijiet u tal-istat tad-dritt, il-ġustizzja soċjali u d-drittijiet tal-bniedem. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jippromwovu l-ispazju tas-soċjetà ċivili u jsaħħu l-appoġġ tagħhom għall-bini tal-kapaċitajiet tas-CSOs biex isaħħu lehinom fil-proċess ta' żvilupp u jagħmlu progress fid-djalogu politiku, soċjali u ekonomiku.
18. L-effikaċja tal-iżvilupp hija fundamentali biex jintlaħqu l-SDGs u għandha tkun il-bażi tal-forom kollha ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser japplikaw il-prinċipji tal-effikaċja tal-iżvilupp, kif maqbula fis-Sħubija Globali dwar Kooperazzjoni Effettiva għall-Iżvilupp (GPEDC) matul il-Forum ta' Livell Għoli dwar l-Effikaċja tal-Għajjuna li sar f'Busan fl-2011 u mgiedda matul il-Laqgħa ta' Livell Għoli f'Nairobi fl-2016; jiġifieri s-sjieda tal-prijoritajiet għall-iżvilupp mill-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp, l-attenzjoni fuq ir-riżultati, is-sħubijiet ta' żvilupp inklużivi, it-trasparenza u r-responsabbiltà reċiproka.

2. QAFAS GĦALL-AZZJONI

19. L-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 teħtieġ strateġiji nazzjonali komprensivi għal żvilupp sostenibbli li jqisu l-SDGs u r-rabtiet ta' bejniethom. Fl-ippjanar tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tagħha, l-UE u l-Istati Membri tagħha ser jagħtu attenzjoni partikolari lil rabtiet bħal dawn u lil azzjonijiet integrati li jistgħu joħolqu kobenefiċċji u jilhqqu bosta objettivi b'mod koerenti. F'dan il-kuntest, l-azzjonijiet imwettqa mill-UE u l-Istati Membri tagħha ser jirriflettu t-temi ewlenin tal-Aġenda 2030: In-Nies, il-Pjaneta, il-Prospertà, il-Paċi u s-Sħubija.

20. Filwaqt li jirrikonoxxu li l-Aġenda 2030 trid tiġi implimentata kollha kemm hi, u mhux b'mod selettiv, l-UE u l-Istati Membri tagħha ser jindirizzaw firxa ta' elementi trasversali biex jiksibu żvilupp sostenibbli u jaċċelleraw it-trasformazzjoni, bħalma huma: iż-żgħażaġh; l-ugwaljanza bejn is-sessi; il-mobilità u l-immigrazzjoni; l-enerġija sostenibbli u t-tibdil fil-klima; l-investiment u l-kummerċ; il-governanza tajba, id-demokrazija, l-istat tad-dritt, u d-drittijiet tal-bniedem; l-involviment innovattiv ma' pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp aktar avvanzati; u l-mobilizzazzjoni u l-użu tar-riżorsi domestiċi.

2.1. In-Nies - Żvilupp Uman u Dinjità

21. It-tkabbir demografiku globali u ċ-ċaqliq demografiku, flimkien ma' bidliet ekonomiċi, soċjali u ambjentali, joffru opportunitajiet u joħolqu sfidi serji għall-iżvilupp sostenibbli. Il-popolazzjoni globali mistennija tiżdied bi 2.4 biljun ruħ sal-2050, li minnhom 1.3 biljun ser ikunu fl-Afrika. Ir-rispons għall-ħtiġijiet edukattivi tat-tfal u ż-żgħażaġh huwa kruċjali għall-promozzjoni ta' ċittadinanza responsabbli, l-iżvilupp ta' soċjetajiet sostenibbli u prosperi u l-ixprunar tal-impjieg taż-żgħażaġh.

22. Il-qerda tal-faqar, l-indirizzar tad-diskriminazzjonijiet u l-inugwaljanzi u li ħadd ma jitħalla lura huma fil-qalba tal-politika tal-UE dwar il-kooperazzjoni għall-iżvilupp. Il-faqar huwa multidimensjonali u marbut ma' aspetti ekonomiċi, soċjali, ambjentali, kulturali u politiċi. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser ikomplu jaħdmu biex il-ġuħ u l-forom kollha ta' malnutrizzjoni jispiċċaw kif ukoll ser jipromwovu l-kopertura tas-saħħa universali, l-aċċess universali għal edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità, il-protezzjoni soċjali adegwata u sostenibbli u x-xogħol deċenti għal kulħadd f'ambjent tajjeb għas-saħħa. Il-progress f'dawn l-oqsma ser jipprovdi bażi aktar soda għall-iżvilupp sostenibbli. L-UE ttenni l-impenn tagħha li talloka mill-inqas 20 % tal-Għajjnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA) tagħha għall-inklużjoni soċjali u l-iżvilupp tal-bniedem.

23. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jappoġġaw lil pajjiżi sħab fil-qadi tar-responsabbiltà tagħhom biex isaħħu l-politiki nazzjonali u l-governanza tagħhom għall-forniment sostenibbli ta' servizzi essenzjali u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem.

24. In-nutrizzjoni li ma tkunx biżżejjed jew tkun ħażina hija ostaklu kbir għall-iżvilupp u hija piż li jkollu jintrefa' tul il-ħajja billi tikkawża problemi konjittivi, tnaqqas il-kapaċità tat-tfal fl-iskola u ddgħajjef is-saħħa u l-produttività ekonomika. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jaħdmu biex jiżguraw aċċess għal ikel affordabbli, sikur, suffiċjenti u nutrittiv għal kulħadd. Ser tingħata attenzjoni partikolari lil individwi fl-aktar sitwazzjonijiet vulnerabbli, fost l-oħrajn it-tfal taħt il-ħames snin, il-bniet adolexxenti u n-nisa, b'mod partikolari matul it-tqala u t-treddiġh. Huma ser jagħmlu sforzi koordinati, aċċellerati u transsettorjali biex jeliminaw il-ġuħ, iżidu l-kapaċità għall-produzzjoni tal-ikel lokali u reġjonali diversifikata, jiżguraw is-sigurtà alimentari u n-nutrizzjoni u jsaħħu r-reżiljenza tal-aktar vulnerabbli, b'mod partikolari f'pajjiżi li qed jiffaċċjaw kriżijiet imtawla jew rikorrenti. Huma ser ikomplu jinvestu fl-iżvilupp tat-tfal fl-ewwel snin billi jindirizzaw il-forom kollha ta' malnutrizzjoni, inkluż dik fi tfal bi żvilupp insuffiċjenti u maġħluba, permezz tal-appoġġ għal servizzi bażiċi fis-saħħa, in-nutrizzjoni, l-ilma, is-sanità u l-iġjene, u l-protezzjoni soċjali.
25. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jappoġġaw l-ifqar komunitajiet fit-titjib tal-aċċess għal KULĦADD għall-art, l-ikel, l-ilma u l-enerġija nadifa, affordabbli u sostenibbli mingħajr ebda effett dannuż fuq l-ambjent. Huma ser jipromwovu l-inizjattivi ta' politika u jappoġġaw lil pajjiżi sħab fl-ippjanar u l-implimentazzjoni ta' approċċ integrat biex jindirizza b'mod konkret ir-rabtiet l-aktar rilevanti bejn l-art, l-ikel, l-ilma u l-enerġija.
26. Iż-żieda sinifikanti fid-domanda għall-ilma u n-nuqqas ta' ilma matul id-deċennji li ġejjin, ser iwasslu għal sfidi kbar b'mod partikolari f'termini ta' adattament għat-tibdil fil-klima. L-aċċess universali għall-ilma tax-xorb sikur, is-sanità u l-iġjene huwa prerekwiżit għas-saħħa u l-benesseri, it-tkabbir u l-produttività. Ir-riżorsi tal-ilma huma partikolarment esposti għad-degradazzjoni ambjentali, inkluż it-tibdil fil-klima, b'theddida għall-agrikoltura u s-sigurtà alimentari. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jappoġġaw il-ġestjoni tal-ilma sostenibbli u integrata kif ukoll l-użu aktar effiċjenti tal-ilma u r-reċiklaġġ tal-ilma, inkluż permezz ta' approċċ aktar strateġiku għall-iżvilupp u l-integrazzjoni reġjonali.

27. Is-saħħa hija ċentrali għall-ħajja tal-bnedmin u hija element ewlieni għat-tkabbir u l-iżvilupp ekwi u sostenibbli, inkluż il-qerda tal-faqar. Biex jippromwovu d-dinjità tal-bniedem, il-benesseri u l-prosperità, l-UE u l-Istati Membri tagħha jaffermaw mill-ġdid l-impenn tagħhom biex jiproteġu u jippromwovu d-dritt ta' kulħadd li jgawdi mill-ogħla standard possibbli ta' saħħa fiżika u mentali. Huma ser ikomplu jappoġġaw lil pajjiżi sħab fl-isforzi tagħhom biex jibnu sistemi tas-saħħa b'saħħithom, ta' kwalità u reżiljenti, billi jipprovdu aċċess ekwu għas-servizzi tas-saħħa u l-kopertura tas-saħħa universali. Għal dan l-għan, l-UE u l-Istati Membri tagħha ser jappoġġaw lill-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp fit-taħriġ, ir-reklutaġġ, it-tħaddim u l-iżvilupp professjonali kontinwu tal-forza tax-xogħol fis-saħħa. Huma ser jippromwovu l-investment u l-awtonomizzazzjoni fil-ħaddiema tal-kura tas-saħħa u l-assistenti soċjali tal-ewwel linja li jaqdu rwol kritiku fl-iżguraw tal-kopertura tas-servizzi tal-kura tas-saħħa f'żoni remoti, foqra, mhux moqdiya biżżejjed u ta' konflitt. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser ikomplu jinvestu fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra mard li jittieħed, bħall-HIV/AIDS, it-tuberkulożi, il-malarja u l-epatite u ser jgħinu jassiguraw l-aċċess għal mediċini u vaċċini essenzjali affordabbli għal kulħadd. Huma ser jippromwovu r-riċerka u l-investment f'teknoloġiji ġodda tas-saħħa u fl-iżvilupp tagħhom. Huma ser jieħdu azzjoni biex jindirizzaw theddid tas-saħħa globali, bħall-epidemiji u r-reżistenza għall-antimikrobiċi, permezz ta' approċċ tas-saħħa pubblika. Huma ser jaħdmu biex inaqqsu l-mortalità tat-tfal u dik materna, jippromwovu s-saħħa mentali u jindirizzaw il-piż li qed jikber ta' mard li ma jitteħidx f'pajjiżi sħab u jindirizzaw it-tniġġis kimiku u l-kwalità fqira tal-arja. Minħabba d-diversi interkonnessjonijiet, huma ser jappoġġaw lill-pajjiżi sħab biex isegwu approċċ ta' 'Saħħa fil-Politiki Kollha'.
28. L-iżguraw ta' aċċess għall-edukazzjoni ta' kwalità għal kulħadd huwa prerekwiżit għall-impjegabbiltà taż-żgħażaġh u l-iżvilupp fit-tul. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jappoġġaw it-tagħlim inklużiv tul il-ħajja u l-edukazzjoni ekwa ta' kwalità, b'mod partikolari matul it-tfulija bikrija u s-snin tal-primarja. Huma ser jippromwovu wkoll edukazzjoni fil-livell sekondarju u terzjarju, it-taħriġ tekniku u vokazzjonali kif ukoll it-tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol u t-tagħlim għall-adulti, inkluż f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza u ta' kriżi. Ser tingħata attenzjoni speċjali lill-opportunitajiet ta' edukazzjoni u taħriġ għall-bniet u n-nisa. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jintensifikaw l-isforzi tagħhom biex jiżguraw li kulħadd ikollu l-għarfien, il-ħiliet, il-kapaċitajiet u d-drittijiet li jeħtieġu biex igawdi l-ħajja fid-dinjità, ikun involut b'mod sħiħ fis-soċjetà bħala adult responsabbli u produttiv, u jikkontribwixxi għall-benesseri soċjali, ekonomiċi u ambjentali tal-komunitajiet tiegħu.

29. Il-bżonnijiet, id-drittijiet u l-aspirazzjonijiet tat-tfal jeħtieġu l-attenzjoni. L-azzjonijiet bl-ogħla ritorn ekonomiku u soċjali jinkludu interventi komprensivi fit-tfulija bikrija. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jintensifikaw l-isforzi tagħhom biex jipprovdu ambjent sikur għat-trobbija tajba tat-tfal bħala element importanti biex titrawwem popolazzjoni żagħżuġha b'saħħitha li kapaċi tilħaq il-potenzjal sħiħ tagħha. Huma jirrikonoxxu wkoll li kull tifel u tifla jistħoqqilhom tfulija fil-paċi u edukazzjoni ta' kwalità, inkluż f'emerġenzi u sitwazzjonijiet ta' kriżi biex jiġi evitat ir-riskju ta' "ġenerazzjoni mitlufa". L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jaħdmu ma' pajjiżi sħab biex itejbu l-protezzjoni tat-tfal u l-parteċipazzjoni tagħhom f'deċizzjonijiet li jikkonċernawhom.
30. F'konformità mal prinċipju li ħadd ma jitħalla lura, l-UE u l-Istati Membri tagħha ser jagħtu attenzjoni speċjali lil dawk li huma f'sitwazzjonijiet żvantaġġati, vulnerabbli u emarġinati, inkluż it-tfal, il-persuni akbar fl-età, il-persuni b'diżabbiltà, il-persuni LGBTI u l-popli indiġeni. Din ser tinkludi miżuri biex dawn jintlaqtu aħjar u jkunu mħarsa u megħjuna sabiex jingħataw l-istess opportunitajiet u tiġi żgurata n-nondiskriminazzjoni.
31. Huwa stmat li biljun persuna madwar id-dinja għandhom diżabbiltà, li minnhom 80 % jgħixu f'pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp. Persuni b'diżabbiltà huma ħafna drabi l-ifqar fil-komunitajiet tagħhom, u jħabbtu wiċċhom ma' livelli sinifikament ogħla ta' stigma u diskriminazzjoni. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jieħdu kont tal-ħtiġijiet speċifiċi ta' persuni b'diżabbiltà fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp tagħhom. F'konformità mal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà, huma ser jippromwovu vigorożament id-drittijiet ta' persuni b'diżabbiltà u ser jieħdu miżuri aktar b'saħħithom biex jiżguraw l-inklużjoni sħiħa tagħhom fis-soċjetà u l-parteċipazzjoni ugwali tagħhom fis-suq tax-xogħol.
32. Il-ħolqien ta' għadd suffiċjenti ta' impjiegi ta' kwalità tajba għaż-żgħażaġh ser jibqa' sfida ewlenija. Jinħtieġu politiki mmirati u investment xieraq biex jippromwovu d-drittijiet taż-żgħażaġh, jiffaċilitaw l-impenn tagħhom fil-ħajja soċjali, ċivika u ekonomika, u jiżguraw il-kontribut sħiħ tagħhom għat-tkabbir inklużiv u l-iżvilupp sostenibbli. Iż-żgħażaġh għandhom jipparteċipaw ukoll fil-proċessi demokratiċi u jieħdu rwoli ta' tmexxija.

Iż-Żgħażaġħ

Iż-żgħażaġh huma aġenti ta' żvilupp u bidla u bħala tali huma kontributuri essenzjali għall-Aġenda 2030, inkluż permezz tal-kapaċità tagħhom għall-innovazzjoni. It-traskurar tal-edukazzjoni, l-impjeg u l-ħtiġijiet soċjali u politiċi tagħhom ser ifixkel lill-SDGs milli jintlaħqu u jħalli liż-żgħażaġh vulnerabbli għall-kriminalità u r-radikalizzazzjoni, speċjalment f'sitwazzjonijiet ta' konflitt.

L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jagħtu attenzjoni speċjali lil azzjonijiet konkreti biex jilħqu l-ħtiġijiet speċifiċi taż-żgħażaġh, b'mod partikolari t-tfajliet u l-bniet, billi jżidu l-impjeg ta' kwalità u l-opportunitajiet ta' intraprenditorija, appoġġati minn politiki effikaċi fl-edukazzjoni, it-taħriġ vokazzjonali, l-iżvilupp tal-ħiliet, u l-aċċess għal teknoloġiji u servizzi diġitali. Dan ser ikollu l-għan li jisfrutta l-kapaċità tal-innovazzjoni diġitali u joħloq opportunitajiet li jibbenefikaw mill-progress teknoloġiku. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jimmiraw ukoll biex isaħħu d-drittijiet taż-żgħażaġh u l-awtonomizzazzjoni tagħhom fit-twettiq ta' affarijiet pubbliċi inkluż bil-promozzjoni tal-parteċipazzjoni tagħhom fl-ekonomiji, is-soċjetajiet u t-teħid ta' deċiżjonijiet lokali b'mod partikolari permezz ta' organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh.

33. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jaħdmu biex l-obbligi skont il-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa jiġu ssodisfati. Huma ser jippromwovu vigorożament il-protezzjoni u r-rispett tad-drittijiet tan-nisa u tal-bniet u jaħdmu flimkien mas-sħab biex jeliminaw il-forom kollha ta' vjolenza u diskriminazzjoni sesswali u sessista, inkluż prattiki li jagħmlu l-ħsara, speċjalment iż-żwieġ sfurzati, bikri u tat-tfal u l-mutilazzjoni ġenitali femminili. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jieħdu azzjoni u jsaħħu d-djalogu ta' politika biex jawtonomizzaw lin-nisa u l-bniet, jippromwovu r-rwol importanti tagħhom bħala aġenti ta' żvilupp u ta' bidla, u jżidu l-azzjoni mmirata lejn l-ugwaljanza bejn is-sessi. Dan ser jinkludi l-promozzjoni tad-drittijiet ekonomiċi u soċjali u l-awtonomizzazzjoni tagħhom, it-tiħiħ ta' leħinhom u ta' sehemhom fil-ħajja soċjali, ekonomika, politika u ċivili, l-iżgurar tal-integrità fiżika u psikoloġika tagħhom, u ċ-ċaqliq tal-kultura istituzzjonali tal-UE u tal-Istati Membri biex iwettqu l-impenji tagħhom. Il-promozzjoni tal-aċċess ugwali tan-nisa għall-impjegi produttivi, ix-xogħol deċenti, il-pagi ndaq u s-servizzi finanzjarji tkun ta' benefiċċju għall-membri kollha tas-soċjetà.

34. L-UE għadha impenjata għall-promozzjoni, il-protezzjoni u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem kollha u għall-implimentazzjoni sħiħa u effikaċi tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing u l-Programm ta' Azzjoni tal-Konferenza Internazzjonali dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp (ICPD) u l-eżiti tal-konferenzi ta' reviżjoni tagħhom u għadha impenjata għas-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi (SRHR), f'dan il-kuntest. B'kont meħud ta' dan, l-UE tafferma mill-ġdid l-impenn tagħha lejn il-promozzjoni, il-protezzjoni u r-rispett tad-dritt tal-individwi kollha li jkollhom kontroll sħiħ fuq kwistjonijiet relatati mas-sesswalità u s-saħħa sesswali u riproduttiva tagħhom, u li jiddeċiedu b'mod liberu u responsabbli dwarhom, filwaqt li jkunu ħielsa mid-diskriminazzjoni, il-koerċizzjoni u l-vjolenza. L-UE tisħaq ukoll fuq il-ħtieġa għal aċċess universali għal informazzjoni u edukazzjoni komprensivi ta' kwalità u affordabbli dwar is-saħħa sesswali u riproduttiva, inkluż edukazzjoni komprensiva dwar is-sesswalità, u servizzi tal-kura tas-saħħa.

L-Ugwaljanza Bejn is-Sessi

L-ugwaljanza bejn nisa u l-irġiel ta' kull età hija kritika għall-iżvilupp sostenibbli. Hija għandha effett multiplikatur biex il-faqar jinqered b'suċċess u hija essenzjali biex twitti t-triq għall-iżvilupp ta' soċjetajiet demokratiċi bbażati fuq id-drittijiet tal-bniedem, il-ġustizzja soċjali u s-sostenibbiltà. Barra minn hekk, l-ugwaljanza bejn is-sessi hija korrelata b'mod pożittiv ma' prosperità u stabbiltà akbar u eżiti aħjar f'oqsma bħas-saħħa u l-edukazzjoni. L-UE u l-Istati Membri tagħha jirrikonoxxu lin-nisa u l-bniet bħala aġenti ewlenin tal-iżvilupp u l-bidla, inkluż ir-rwol tagħhom fil-bini tal-paċi u r-riżoluzzjoni tal-kunflitti u r-rispons umanitarja.

Madankollu ħafna nisa u bniet għadhom qed jiġu miċħuda minn drittijiet, riżorsi u milli jsemmgħu leħinhom. L-inugwaljanza bejn is-sessi tinkroċja ma' forom oħra ta' esklużjoni. Il-promozzjoni tal-avvanz tan-nisa u l-bniet u tal-ugwaljanza bejn is-sessi teħtieġ il-ħidma mas-subien, l-irġiel, il-bniet u n-nisa biex ikun hemm fehim dwar id-drittijiet, l-ugwaljanza u r-rwoli fis-soċjetà. Dan jinvolvi wkoll il-ħidma ma' atturi ewlenin fis-soċjetajiet bħall-għalliema u l-mexxejja reliġjużi u tal-komunità id-diskriminazzjoni kontra l-bniet u n-nisa tinqered.

L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jiżguraw li l-perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi tiġi integrata b'mod sistematiku fil-politiki kollha bħala kontribut ewlieni biex l-SDGs jintlaħqu b'suċċess. Huma ser jaċċelleraw l-isforzi tagħhom biex jiksbu l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-awtonomizzazzjoni tan-nisa billi japprofondixxu sħubijiet bejn diversi partijiet ikkonċernati, isaħħu l-kapaċità għall-ibbaġitjar u l-ippjanar responsivi għall-ugwaljanza bejn is-sessi, u jiżguraw il-parteċipazzjoni attiva tan-nisa u tal-organizzazzjonijiet tan-nisa fit-teħid tad-deċiżjonijiet.

35. Il-kultura hija kemm faċilitatur kif ukoll komponent importanti tal-iżvilupp u tista' tiffaċilita l-inklużjoni soċjali, il-libertà ta' espressjoni, il-bini tal-identità, l-awtonomizzazzjoni ċivili u l-prevenzjoni tal-konflitti filwaqt li ssaħħaħ it-tkabbir ekonomiku. B'enfasi fuq il-fatt li l-UE hija mmexxija mill-universalità, l-indiviżibbiltà, l-interkonnnessjoni u l-interdipendenza tad-drittijiet tal-bniedem kollha, l-UE u l-Istati Membri tagħha ser jippromwovu d-djalogu u l-kooperazzjoni interkulturali, id-diversità kulturali u ser jipproteġu l-wirt kulturali, jagħtu spinta lill-industriji kulturali u kreattivi u ser jappoġġaw politiki kulturali fejn dawn jgħinu jiksbu żvilupp sostenibbli filwaqt li jqisu ċ-ċirkostanzi lokali.
36. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jaġixxu biex inaqqsu l-inugwaljanza tal-eżiti u jippromwovu l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd. Meta jagħmlu dan, ser jgħinu direttament lill-ifqar sezzjonijiet tas-soċjetà u dawk l-aktar vulnerabbli u jgħinu wkoll biex jippromwovu tkabbir aktar inklużiv u sostenibbli li ma jikkompromettix il-ħila ta' ġenerazzjonijiet futuri li jissodisfaw il-ħtiġijiet tagħhom. It-tkabbir ekonomiku jkun dejjiemi u ta' aktar benefiċċju għal dawk l-aktar foqra meta jkun inklużiv. Biex jindirizzaw l-inugwaljanzi ekonomiċi u soċjali, l-UE u l-Istati Membri tagħha ser jappoġġaw proċessi ta' żvilupp nazzjonali li jimmassimizzaw l-eżiti u l-impatti soċjali pożittivi. Huma ser jaħdmu ma' pajjiżi sħab biex jippromwovu tassazzjoni progressiva u politiki pubbliċi ridistributtivi li jagħtu l-attenzjoni dovuta lil tqassim aħjar tal-benefiċċji tat-tkabbir, il-ħolqien tal-ġid u l-impjiegi deċenti u tal-aċċess imtejjeb għall-fatturi ta' produzzjoni, bħall-art jew il-finanzi u l-kapital uman.
37. Biex jiġġieldu kontra l-inugwaljanza, l-UE u l-Istati Membri ser jappoġġaw ukoll sistemi ta' protezzjoni soċjali effiċjenti, sostenibbli u ekwi biex jigarantixxu dħul bażiku, jipprevjenu rikaduti fil-faqar estrem u jibnu r-reżiljenza. Huma ser jivvalutaw id-determinanti u x-xejriet tal-inugwaljanzi ekonomiċi u soċjali u ser isaħħu l-ġhodod u l-approċċi tagħhom biex jagħmluhom aktar effikaċi fl-indirizzar tal-inugwaljanza. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jintegraw it-tnaqqis tal-inugwaljanza fil-kooperazzjoni tagħhom għall-iżvilupp u jappoġġaw prattiki soċjali innovattivi.

38. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser isaħħu r-reżiljenza, b'mod partikolari ta' popolazzjonijiet vulnerabbli, meta ffaċċjati minn xokkijiet ambjentali u ekonomiċi, diżastri naturali u kkaġunati mill-bniedem, konflitti u theddid globali għas-saħħa. B'mod sistematiku, huma ser jintegraw ir-reżiljenza fl-azzjoni tagħhom li tiżgura li l-individwi, il-komunitajiet, l-istituzzjonijiet u l-pajjiżi jkunu jistgħu jitħejjew aħjar għal pressjoni u xokkijiet, u jifilħu għalihom, jadattaw ruħhom għalihom, u jirkupraw minnhom malajr, mingħajr ma jikkompromettu l-prospetti ta' żvilupp fit-tul. Dan kollu ser jitwettaq ukoll matul l-irkupru, ir-riabilitazzjoni u r-rikostruzzjoni ta' wara diżastru. Għandhom jiġu żgurati l-kooperazzjoni aktar mill-qrib u l-azzjoni komplementari bejn l-atturi tal-iżvilupp u dawk umanitarji, li jibni fuq analiżi kondiviża tar-riskji u l-vulnerabbiltajiet.
39. Il-migrazzjoni hija fenomenu kumpless, globali u dejjiemi li jirrikjedi rispons ta' politika sostenibbli mfassal bir-reqqa, bilanċjat u bbażat fuq l-evidenza li għandu jirrispetta l-kompetenzi nazzjonali, u b'mod partikolari ma jaffettwax id-dritt tal-Istati Membri skont l-Artikolu 79(5) TFUE li jiddeterminaw il-volumi ta' ammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiż terz li ġejjin minn pajjiżi terzi fit-territorju tagħhom biex ifittxu impjieg. Il-migrazzjoni u l-mobbiltà ġestiti tajjeb jistgħu jagħtu kontributi pożittivi lit-tkabbir inklużiv u l-iżvilupp sostenibbli. Bit-trasferiment ta' għarfien, ħiliet u kapaċità produttiva, il-migrazzjoni u l-mobbiltà regolari jistgħu jkunu ta' ġid għall-migranti nfushom, il-familji tagħhom u l-pajjiżi ta' oriġini u ta' destinazzjoni. Fl-istess ħin, l-immigrazzjoni irregolari tista' toħloq sfidi kbar u jkollha impatt negattiv fuq il-pajjiżi ta' oriġini, ta' transitu u ta' destinazzjoni. Il-migrazzjoni saret kwistjonijiet dejjem aktar urġenti kemm għal pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp kif ukoll għal pajjiżi żviluppati. F'xi sitwazzjonijiet, il-popolazzjonijiet migranti qed jiġu mċaħħda mid-drittijiet tal-bniedem, l-aċċess għas-saħħa u l-edukazzjoni, u jirriskjaw li jkunu vittmi ta' xogħol furzat u traffikar ta' bnedmin. Impenn imsaħħa ser jgħin biex jiġu ffaċilitati l-migrazzjoni u l-mobbiltà tan-nies b'mod sikur, bl-ordni, regolari u responsabbli, inkluż permezz tal-implimentazzjoni ta' politiki dwar il-migrazzjoni pjanati u ġestiti tajjeb.

40. L-indirizzar tal-migrazzjoni jmiss ma' bosta oqsma ta' politika, inkluż l-iżvilupp, il-governanza tajba, is-sigurtà, id-drittijiet tal-bniedem, ix-xogħol, is-saħħa, l-edukazzjoni, l-agrikoltura, is-sigurtà alimentari, il-protezzjoni soċjali u l-ambjent, inkluż it-tibdil fil-klima. Permezz tal-approċċ ta' Qafas ta' Sħubiji, l-UE u l-Istati Membri tagħha ser jindirizzaw b'mod komprensiv l-aspetti multipli tal-migrazzjoni u l-ispostament sfurzati, inkluż il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' bnedmin u t-traffikar tagħhom, il-ġestjoni tal-fruntieri, ir-rimessi, l-indirizzar tal-kawżi fundamentali, il-protezzjoni internazzjonali u r-ritorn, ir-riammissjoni u l-integrazzjoni mill-ġdid abbażi ta' responsabbiltà reċiproka u rispett sħiħ tal-obbligi umanitarji u tad-drittijiet tal-bniedem. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jieħdu approċċ aktar koordinat, olistiku u strutturat għall-migrazzjoni, billi jimmassimizzaw is-sinerġiji u japplikaw kif meħtieġ is-setgħa li għandhom biex jinfluwenzaw bl-użu tal-politiki, l-istrumenti u l-għodod rilevanti kollha tal-UE, inkluż l-iżvilupp u l-kummerċ. Permezz ta' dawn l-isforzi msaħħa, l-UE u l-Istati Membri tagħha ser jappoġġaw b'mod attiv l-implimentazzjoni ulterjuri tal-Pjan ta' Azzjoni Konġunt tal-Belt Valletta 2015 u l-elaborazzjoni tal-Patti Globali tan-NU dwar il-Migrazzjoni u r-Refuġjati, kif appellat mid-Dikjarazzjoni ta' New York għar-Refuġjati u l-Migranti 2016.
41. Permezz tal-politika tal-iżvilupp, l-UE u l-Istati Membri tagħha ser jindirizzaw il-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni irregolari u, fost l-oħrajn, ser jikkontribwixxu għall-integrazzjoni sostenibbli ta' migranti f'pajjiżi ospitanti u komunitajiet ospitanti u jgħinu jiżguraw is-suċċess tal-integrazzjoni soċjoekonomika ta' migranti li jirritornaw fil-pajjiżi ta' oriġini jew ta' transitu tagħhom. Dan ser jinkludi l-promozzjoni tal-investment, il-kummerċ u l-innovazzjoni f'pajjiżi sħab biex tixpruna l-opportunitajiet tat-tkabbir u tal-impjieg, inkluż permezz tal-impenn ta' dijaspori, l-appoġġ għas-sistemi soċjali u tal-edukazzjoni kif ukoll il-ħidma ma' sħab fis-settur privat u oħrajn biex tnaqqas l-ispejjeż tar-rimessi u tippromwovi trasferimenti aktar mgħaġġla, orħos u aktar sikuri kemm fil-pajjiżi tas-sors kif ukoll f'dawk riċevituri, u b'hekk jiġi sfruttat il-potenzjal tagħhom għall-iżvilupp.

Mobilità u Migrazzjoni

L-Aġenda 2030 tagħraf biċ-ċar il-kontribut pożittiv tal-migrazzjoni u l-mobilità għal tkabbir inklużiv u żvilupp sostenibbli. Il-migranti huma mutur sinifikanti tal-ekonomija globali b'mod partikolari permezz tar-rimessi tagħhom. L-indirizzar tal-migrazzjoni, fil-forom kollha tagħha, kemm regolari inkella irregolari, jeħtieġ interventi, politiki u oqfsa legali transsettorjali fuq perjodu ta' żmien qasir u fit-tul, sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet kemm tal-migranti kif ukoll tal-popolazzjonijiet ospitanti, u tiġi żgurata s-sigurtà tagħhom. Huwa fatt magħruf li fil-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp jeżistu sfidi enormi. F'dan il-qasam, is-Summit tal-Belt Valletta ta' Novembru 2015 irriżulta f'passi sinifikanti bl-adozzjoni ta' pjan ta' azzjoni ambizzjuż.

L-UE u l-Istati Membri tagħha ser iżidu l-isforzi biex jindirizzaw il-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni irregolari u l-ispostament sfurzat, u biex jippromwovu l-ġestjoni aħjar tal-migrazzjoni f'pajjiżi sħab fl-aspetti kollha tagħha. Huma ser jikkonsolidaw il-migrazzjoni bħala parti ewlenija tad-djalogu dwar il-politika barranija tal-UE, inkluż permezz tal-elaborazzjoni trasparenti u demokratika ta' risponsi mfassla apposta u sħubiji msaħħa.

42. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jippromwovu d-dinjità u r-reżiljenza ta' persuni spostati bil-forza għal żmien twil u l-inklużjoni tagħhom fil-ħajja ekonomika u soċjali tal-pajjiżi ospitanti u l-komunitajiet ospitanti, li jirrikonoxxi li l-kapaċitajiet tal-persuni spostati huma assi portabbli vitali, essenzjali għar-reżiljenza tagħhom u lbini mill-ġdid ta' ħajjithom kif ukoll bħala kontribut lill-komunitajiet ospitanti tagħhom. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser japplikaw approċċ ibbażat fuq id-drittijiet, li jagħti attenzjoni speċjali lin-nisa, lill-minorenni akkumpanjati u dawk mhux akkumpanjati u lill-persuni vulnerabbli ħafna. Huma ser jipproteġu strutturi soċjali għal żmien itwal billi jintegraw persuni fi spostament fit-tul fl-ippjanar ta' żvilupp usa', inkluż permezz tal-aċċess għall-edukazzjoni u impjiegi deċenti.

2.2. Il-pjaneta - Niproteġu l-ambjent, niġġestixxu r-riżorsi naturali u nindirizzaw it-tibdil fil-klima

43. Il-benesseri tal-bniedem u soċjetajiet reżiljenti jiddependu fuq ambjent b'saħtu u ekosistemi li jiffunzjonaw. Id-degradazzjoni ambjentali, it-tibdil fil-klima, it-temp estrem, u d-diżastri naturali jew ikkaġunati mill-bniedem jistgħu jxejnu l-kisbiet fl-iżvilupp u l-progress ekonomiku speċjalment għall-foqra. Jistgħu jżidu l-vulnerabbiltajiet u l-ħtiġijiet, jipperikolaw il-paċi u l-istabbiltà u jikkawżaw il-migrazzjoni fuq skala kbira. Barra l-azzjonijiet apposta, il-kunsiderazzjoni ambjentali jeħtieġ li tiġi integrata fis-setturi kollha ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp, inkluż permezz ta' azzjoni preventiva. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jipromwovu l-effiċjenza fir-riżorsi u l-konsum u l-produzzjoni sostenibbli, inkluż il-ġestjoni sostenibbli ta' kimiċi u skart, bil-ħsieb tad-diżakkoppjament tat-tkabbir ekonomiku mid-degradazzjoni ambjentali u l-possibbiltà tat-transizzjoni għal ekonomija ċirkolari. Settur privat responsabbli u l-applikazzjoni sistematika tal-prinċipju 'min iniġġes iħallas' ser ikunu kritiċi wkoll għas-suċċess. Huma ser jgħinu biex jibnu l-kapaċità biex l-oġettivi tas-sostenibbiltà ambjentali u tat-tibdil fil-klima u l-ħidma għat-tkabbir ekoloġiku jiġu integrati fl-istrateġiji ta' żvilupp nazzjonali u lokali. Huma ser jagħmlu wkoll użu aħjar mix-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni biex jipromwovu s-sostenibbiltà ambjentali, u ser jipromwovu l-użu mis-sħab tad-data komprensiva u l-informazzjoni disponibbli permezz ta' programmi ta' osservazzjoni tad-Dinja Ewropej u internazzjonali biex jiġu appoġġati deċiżjonijiet ibbażati fuq l-evidenza li jieħdu kont tal-istat tal-ambjent.

44. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jappoġġaw il-konservazzjoni u l-ġestjoni sostenibbli u l-użu ta' riżorsi naturali, u l-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-bijodiversità u l-ekosistemi, inkluż il-foresti, l-oċeani, iż-żoni kostali, il-baċiri idrografiċi u ekosistemi oħra, għall-provvista ta' servizzi tal-ekosistema. Skont l-impnġi internazzjonali, huma ser jindirizzaw il-qtugħ illegali tas-siġar għall-injam u l-kummerċ assoċjat miegħu, id-degradazzjoni tal-art u tal-foresti, id-deżertifikazzjoni, in-nixfa, u t-telf tal-bijodiversità. Huma ser jipromwovu l-kobenefiċċji mill-ġestjoni sostenibbli, inkluż it-titjib tar-reżiljenza u l-adattament għall-klima. Huma ser itejbu l-integrazzjoni tas-sostenibbiltà fis-setturi ta' kooperazzjoni kollha u jgħollu l-profil ta' kwistjonijiet ambjentali fid-djalogi mas-sħab tagħhom. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jipromwovu l-użu tal-kontabbiltà tal-kapital naturali. Huma ser jappoġġaw governanza aħjar u l-bini tal-kapaċitajiet għall-ġestjoni sostenibbli ta' riżorsi naturali inkluż il-prevenzjoni ta' esplojtazzjoni illegali ta' foresti. Huma ser jipromwovu wkoll l-involviment ta' partijiet ikkonċernati lokali u r-rispett għad-drittijiet ta' kulħadd inkluż popli indiġeni u komunitajiet lokali. Huma ser jindirizzaw il-kaċċa illegali tal-fawna selvaġġa, il-kummerċ illegali fl-annimali selvaġġi u fl-injam u l-esplojtazzjoni illegali ta' riżorsi naturali oħra. Huma ser jipromwovu l-protezzjoni u r-restawr ta' ekosistemi tal-baħar għall-kisba ta' oċeani b'saħħithom u produttivi, il-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tal-oċeani u s-sajd sostenibbli, inkluż permezz ta' governanza tal-oċeani mtejba u l-iżvilupp tal-ekonomija blu.

45. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jintegraw l-ambjent u t-tibdil fil-klima, inkluż permezz tal-promozzjoni ta' bilanċ sod bejn il-mitigazzjoni u l-adattament, fl-istrateġiji ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp kollha tagħhom. Huma ser jimplimentaw l-Aġenda 2030 u l-Ftehim ta' Pariġi dwar it-Tibdil fil-Klima permezz ta' azzjoni koordinata u koerenti, u ser jimmassimizzaw is-sinerġiji. Huma ser jappoġġaw strateġiji nazzjonali, inkluż l-ippjanar u l-ippogrammar intragovernattivi, li jipromwovu r-reżiljenza, inaqqsu r-riskju fil-klima u jikkontribwixxu għal tnaqqis fl-emissjonijiet, konsistenti mal-implimentazzjoni tal-Kontributi Determinati fil-Livell Nazzjonali Determinati (NDCs), filwaqt li jittieħed kont tal-isfidi li jħabbtu wiċċhom magħhom pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp, b'mod partikolari l-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati (LDCs) u l-Istati Gzejjir Żgħar li qed Jiżviluppaw (SIDS). Huma ser jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' promoturi lokali tal-klima u b'mod attiv ser ixerrdu u jespandu proġetti tal-aħjar prattika, inkluż bl-appoġġ lill-pjattaformi b'diversi partijiet ikkonċernati. In-natura legalment vinkolanti tal-Ftehim ta' Pariġi u r-rekwiżit li jitħejjew l-NDCs jistgħu jagħtu wkoll impetu lill-ippjanar nazzjonali għall-żvilupp fil-kuntest tal-Aġenda 2030.

Enerġija Sostenibbli u Tibdil fil-Klima

L-enerġija hija faċilitatur tal-iżvilupp kritikament importanti u ċentrali għal soluzzjonijiet għal pjaneta sostenibbli. Il-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp jeħtieġu l-enerġija biex jipromwovu tkabbir inklużiv u jkomplu jtejbju l-istandards tal-għajxien. L-investiment fl-enerġija sostenibbli jista' jiżgura u jżid l-aċċess għall-ilma nadif, it-tisjir nadif, l-edukazzjoni u l-kura tas-saħħa kif ukoll joħloq impjiegi u jappoġġa negozji lokali b'mod ekoloġiku.

L-UE u l-Istati Membri tagħha ser isegwu tliet objettivi ewlenin interkonnessi: l-indirizzar tan-nuqqas ta' aċċess għall-enerġija; iż-żieda tal-effiċjenza tal-enerġija u l-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli biex jinkiseb bilanċ sostenibbli bejn il-produzzjoni tal-enerġija u l-konsum; u l-kontribut lill-ġlieda globali kontra t-tibdil fil-klima skont il-Ftehim ta' Pariġi u l-NDCs relatati ppreżentati mill-Partijiet. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jindirizzaw il-faqar tal-enerġija billi jikkontribwixxu għal aċċess universali għal servizzi tal-enerġija li huma affordabbli, moderni, affidabbli u sostenibbli, b'attenzjoni qawwi fuq l-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza tal-enerġija. Enerġija nadifa u rinnovabbli tista' tiġi pprovduta permezz ta' soluzzjonijiet immexxija mill-komunità, maqtuġħin minn mal-grilja jew dawk ma' grilja żgħira li jippermettu l-aċċess għall-enerġija f'lokalitajiet rurali.

L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jipromwovu wkoll l-eliminazzjoni gradwali ta' sussidji għal karburanti fossili li jagħmlu ħsara lill-ambjent, swieq tal-enerġija stabbli u trasparenti u t-tnedija ta' grilji intelliġenti u l-użu ta' teknoloġiji diġitali għall-ġestjoni tal-enerġija sostenibbli. Din l-istrateġija mtejbja ser timxi id f'id ma' azzjoni kontinwa mill-UE konsistenti mat-tmexxija dinjija tagħha fl-indirizzar tat-tibdil fil-klima u l-appoġġ lil pajjiżi terzi biex jindirizzaw it-tibdil fil-klima u jagħmlu t-transizzjoni għal ekonomija b'livelli baxx ta' emissjonijiet u reżiljenti għat-tibdil fil-klima.

46. L-iskala ta' investiment finanzjarju meħtiegħ biex ikun hemm aċċess universali għal servizzi ta' enerġija sikuri u nodfa tirrikjedi l-impenn ta' bosta atturi. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser iżidu l-kooperazzjoni tagħhom mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, inkluż is-settur privat, fir-rigward tal-ġestjoni tad-domanda għall-enerġija, l-effiċjenza enerġetika, il-ġenerazzjoni ta' enerġija rinnovabbli u l-iżvilupp u t-trasferiment ta' teknoloġija nadifa. Huma ser jappoġġaw it-titjib ta' oqfsa regolatorji li jwasslu għal settur tal-enerġija kompetittiv u sostenibbli u jingranaw il-finanzi mill-privat. Huma ser jattiraw fondi addizzjonali, inkluż mis-settur privat u permezz ta' inizjattivi u strumenti innovattivi ta' finanzjament. L-appoġġ għall-Afrika u l-viċinat tal-UE f'din it-transizzjoni tal-enerġija ser ikun parti mill-qafas faċilitattiv għall-Unjoni tal-Enerġija tal-UE.

2.3. Prosperità - Tkabbir inklużiv u sostenibbli u impjiegi

47. Il-ħolqien ta' impjiegi deċenti, b'mod partikolari għan-nisa u ż-żgħażaġħ huwa essenzjali għal tkabbir inklużiv u sostenibbli. Il-prosperità kondiviża u t-tkabbir huma kontributuri ewlenin għall-benesseri u d-dinjità tal-bniedem. It-tkabbir sostenibbli inklużiv jibni r-reżiljenza fit-tul f'pajjiżi sħab, billi joħloq opportunitajiet għal gruppi tal-popolazzjoni vulnerabbli u dawk l-aktar friskju, biex jipparteċipaw fil-ġid u l-ħolqien ta' impjiegi deċenti, u jibbenefikaw minnhom. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jippromwovu trasformazzjoni ekonomika li toħloq impjiegi deċenti, iżżid il-kapaċità produttiva, tiġġenera dħul suffiċjenti għas-servizzi pubbliċi l-protezzjoni soċjali, trawwem katini tal-valur sostenibbli u diversifikati, inkluż l-industrijalizzazzjoni sostenibbli. Dan jinkludi l-promozzjoni ta' xejriet tal-konsum u l-produzzjoni sostenibbli f'ekonomija ċirkolari, inkluż il-promozzjoni ta' ċikli ta' materjal mhux tossiku, effiċjenza fir-riżorsi u t-trasformazzjoni għal mogħdijiet b'livelli baxxi ta' emissjonijiet u reżiljenti għat-tibdil fil-klima.

48. L-UE u l-Istati Membri tagħha jirrikonoxxu r-rwol ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (MSMEs) bħala faċilitaturi tal-iżvilupp sostenibbli, kif ukoll atturi essenzjali fil-ġlieda kontra l-faqar. L-MSMEs huma magni tat-tkabbir, l-impjiegi, l-innovazzjoni, u l-iżvilupp soċjali. Permezz ta' politika tal-iżvilupp, l-UE u l-Istati Membri tagħha ser jappoġġaw miżuri orjentati lejn l-azzjoni u innovattivi biex iżidu l-impenn tal-MSMEs fl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet konkreti fuq l-art u jiġi sfruttat il-potenzjal trasformattiv tagħhom. Huma ser jiffaċilitaw l-aċċess tal-MSMEs għal informazzjoni rilevanti, kemm fl-UE kif ukoll f'pajjiżi sħab, u ser jintegrawhom aħjar fil-katini tal-valur u tal-provvista filwaqt li jindirizzaw id-diverġenza fil-finanzjament tal-MSMEs. Huma ser jinkoraġġixxu l-iskambju bejn negozju u ieħor u d-djalogu bejn l-MSMEs fl-UE u fil-pajjiżi jew ir-reġjuni sħab.

Investiment u Kummerċ

L-investiment pubbliku u privat sostenibbli huwa mutur vitali għall-iżvilupp sostenibbli. Huwa jgħin biex jiddiversifika l-ekonomiji, irawwem it-tkabbir u l-impjiegi deċenti, jipprovdi prodotti u servizzi innovattivi, jorbot l-ekonomiji ta' pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp ma' ktajjen tal-valur reġjonali u globali, jippromwovi l-integrazzjoni u l-kummerċ reġjonali u jaqdi l-ħtiġijiet soċjali. L-Aġenda 2030 u l-AAAA jipprovdu qafas li fih investiment responsabbli jista' jikkontribwixxi għall-iżvilupp sostenibbli fid-dimensjonijiet kollha tiegħu.

L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jieħdu azzjoni biex jagħtu spinta lill-investiment billi jikkombinaw il-finanzjament għall-iżvilupp sostenibbli, l-għajjnuna teknika għall-iżvilupp ta' proġetti sostenibbli u biex tattira l-investituri, u l-miżuri biex jgħinu l-governanza ekonomika u l-ambjenti tan-negozju jittejbu, biex jiġġieldu l-korruzzjoni u jkun hemm involviment mas-settur privat. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jikkontribwixxu wkoll għaż-żieda fl-investimenti mis-settur privat u dak pubbliku f'ekonomija ekoloġika b'livelli baxxi ta' emissjonijiet ta' karbonju u reżiljenti għat-tibdil fil-klima.

Kanal ewlieni għal tali azzjonijiet ser ikun il-Pjan ta' Investiment Estern Ewropew ipplanat li ser jinkludi garanziji biex inaqqsu l-profil tar-riskju tal-investiment f'pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp u b'hekk jattiraw finanzjament addizzjonali, b'mod partikolari mis-settur privat. Dan ser jikkontribwixxi għall-kisba tal-SDGs u b'hekk jgħin biex jiġu indirizzati l-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni irregolari.

L-Unjoni Ewropea ser tkompli wkoll permezz tal-politika kummerċjali tagħha tiżgura li l-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp, b'mod partikolari dawk l-iktar vulnerabbli, igawdu l-benefiċċji tat-tkabbir inklużiv u l-iżvilupp sostenibbli minn parteċipazzjoni msaħħa fl-integrazzjoni reġjonali u fis-sistema ta' kummerċ multilaterali.

49. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jgħinu biex jinħoloq ambjent li jiffavorixxi aktar in-negozju f'pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp, li jirrispetta l-istandards u l-prinċipji internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem. Huma ser jikkontribwixxu għat-titjib tal-kondizzjonijiet għal attività ekonomika inklużiva billi jippromwovu politiki u oqfsa regolatorji iktar sostenibbli, id-drittijiet tal-bniedem, inkluż l-istandards fundamentali tax-xogħol u r-rekwiżiti ta' diliġenza dovuta, li jwasslu għal ambjenti tan-negozju aħjar, mudelli tan-negozju ġodda u kapaċità governattiva akbar. Huma ser jippromwovu l-aċċess wiesa' għal servizzi finanzjarji u mikrofinanzjarji, inkluż għan-nisa, għall-foqra u għall-MSMEs. Huma ser jippromwovi wkoll inizjattivi u intrapriżi soċjali tas-settur privat, kooperattivi, imprendituri nisa u zghażaġh, biex jagħtu spinta lill-provvista ta' servizzi lokali kif ukoll mudelli tan-negozju inklużivi u ekoloġiċi. Huma ser jippromwovu l-akkwist pubbliku sostenibbli u trasparenti biex jappoġġaw l-iżvilupp sostenibbli u jiffaċilitaw l-aċċess tal-MSMEs għall-akkwist pubbliku. L-investment fis-settur pubbliku fir-riċerka u l-innovazzjoni u l-kooperazzjoni fix-xjenza u t-teknoloġija jista' jgħin ukoll biex jibda jiġi sfruttat l-investment tas-settur privat u jixpruna t-tkabbir sostenibbli inklużiv f'pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp.
50. Il-ħasil tal-flus, il-korruzzjoni, il-flussi finanzjarji illeċiti u l-evazzjoni u l-evitar tat-taxxa jkomplu jxekklu l-iżvilupp sostenibbli, b'effett sproporzjonat fuq il-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jaħdmu ma' pajjiżi sħab biex jippromwovu tassazzjoni progressiva, miżuri kontra l-korruzzjoni u politiki dwar nefqa pubblika ridistributtiva u jindirizzaw flussi finanzjarji illeċiti sabiex jippromwovu l-aċċess għal servizzi bażiċi ta' kwalità għal kulħadd.
51. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jikkombinaw il-ħiliet u r-riżorsi tas-settur privat mal-Għajnuna għall-Kummerċ, il-politiki kummerċjali, l-istrumenti, u d-diplomazija ekonomika li jappoġġaw dan. Huma ser jippromwovu l-Għajnuna għall-Kummerċ biex jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 sabiex jiġu indirizzati aħjar il-ħtiġijiet kummerċjali u tal-kapaċità produttiva tal-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp. Għandu jittieħed kont tal-ħtiġijiet tal-pajjiżi l-anqas żviluppati (LDCs) u ta' dawk fil-fażi tal-iżvilupp mingħajr kosta (LLDCs), kif ukoll tas-SIDS, li għalihom il-faċilitazzjoni tal-kummerċ u l-infrastruttura kummerċjali huma muturi ewlenin tal-iżvilupp.

52. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jippromwovu u jiffaċilitaw il-kummerċ u l-investment f'pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp b'appoġġ għall-iżvilupp sostenibbli. L-UE ser tkompli tippromwovi l-kummerċ u l-integrazzjoni reġjonali bħala muturi ewlenin tat-tkabbir u t-tnaqqis tal-faqar f'pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp. Permezz tal-implimentazzjoni tal-istrateġija 'Kummerċ għal Kulħadd', l-UE u l-Istati Membri tagħha ser jappoġġaw lis-sħab kummerċjali tagħhom, inkluż permezz tal-Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika, biex jintegraw l-iżvilupp sostenibbli fil-livelli kollha tal-politika kummerċjali. Skont l-impenji tal-PCD, ser jintuża l-appoġġ għall-iżvilupp fejn ikun xieraq biex jiżgura li d-dispożizzjonijiet fil-ftehimiet kummerċjali relatati mal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli jkunu implimentati u użati b'mod effikaċi. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jippromwovu tkabbir ekonomiku inklużiv u sostenibbli u ser jgħinu lill-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp jadottaw mudelli ta' tkabbir li jieħdu kont tal-iskarsezza tar-riżorsi u l-azzjoni dwar it-tibdil fil-klima. Dan jinkludi l-promozzjoni ta' katini tal-valur sostenibbli u standards ambjentali u soċjali.
53. Is-settur privat jista' jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030. L-UE u l-Istati Membri tagħha, f'koordinazzjoni mill-qrib mal-Bank Ewropew tal-Investment, ser jippromwovu l-mobilizzazzjoni ta' riżorsi privati għall-iżvilupp, filwaqt li jippromwovu wkoll ir-responsabbiltà tas-settur privat f'oqsma b'potenzjal ta' trasformazzjoni sinifikanti għall-iżvilupp sostenibbli. Dan jinkludi l-agrikoltura sostenibbli, l-enerġija sikura u nadifa, il-ġestjoni tar-riżorsi tal-ilma integrata, l-infrastruttura reżiljenti, is-saħħa, it-turiżmu sostenibbli, l-ekonomija ekoloġika u ċirkulari, it-telekomunikazzjonijiet u t-teknoloġija diġitali.

54. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jaħdmu mas-settur privat, inkluż l-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem u tal-ħaddiema, biex jipromwovu approċċi responsabbli, sostenibbli u effikaċi, inkluż permezz tad-djalogu soċjali. L-użu akbar ta' mudelli u prattiki tan-negozju responsabbli u inklużivi minn firxa usa' ta' kumpaniji tal-UE b'katini tal-provvista f'pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp, fi sħubija mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati pubbliċi u privati tagħhom, u l-promozzjoni ta' kummerċ ġust, trasparenti u etiku, inkluż ma' produttori żgħar f'pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp, jista' jagħti kontribut qawwi għall-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030. Standards tad-drittijiet tal-bniedem u impenji miftiehma internazzjonalment dwar l-iżvilupp sostenibbli, it-trasparenza u r-responsabbiltà soċjali korporattiva jinħtieġ li jinbnew f'mudelli tan-negozju, inkluż għal sħubijiet u taħlit pubbliċi-privati, permezz ta' firxa ta' mezzi, bħall-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki. Dan jinkludi l-iżguraw tal-ġestjoni u l-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali bħall-minerali u l-injam. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser ikomplu jappoġġaw prattiki tan-negozju responsabbli u ġestjoni responsabbli ta' katini tal-provvista, li jirrispettaw id-drittijiet tal-pussess, l-integrazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tax-xogħol, il-korrettezza finanzjarja u l-istandards ambjentali u l-aċċessibbiltà. Huma ser jaħdmu biex jipprevjenu l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem u jipromwovu l-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem. Huma ser jipromwovu standards tax-xogħol li jiżguraw kundizzjonijiet ta' impjieg deċenti u pagi deċenti għall-ħaddiema, b'mod partikolari dawk definiti mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, kemm fis-settur formali kif ukoll f'dak informali, inkluż billi jappoġġaw it-transizzjoni mill-ekonomija informali għal dik formali u billi jiġġieldu kontra l-impjieg tat-tfal.

55. L-agrikoltura sostenibbli, flimkien mas-sajd u l-akkwakultura sostenibbli, għadha mutur ewlieni għall-qerda tal-faqar u l-iżvilupp sostenibbli u hija indispensabbli biex telimina l-ġuħ u tiżgura s-sigurtà alimentari. Żewġ terzi tal-foqra tad-dinja jiddependu fuq l-agrikoltura għall-għajxien tagħhom u għadd ta' pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp għadhom dipendenti ħafna fuq il-kummerċ ta' fteit prodotti bażiċi. L-appoġġ għall-bdiewa fuq skala żgħira, inkluż fil-familji u r-rġhajja għadu ta' importanza ċentrali, b'kontribut sostanzjali għas-sigurtà alimentari u għall-għieda kontra l-erożjoni tal-ħamrija u t-telf tal-bijodiversità, filwaqt li jagħti x-xogħol. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jappoġġaw it-titjib fil-governanza relatata mal-ġestjoni sostenibbli tal-foresti, mal-ġestjoni parteċipattiva tal-mergħat, u mal-aċċess indaqs għall-pussess tal-art, b'mod partikolari għan-nisa, li jirrispetta d-drittijiet ta' popolazzjonijiet lokali u ta' popli indiġeni, inkluż l-użu tradizzjonali tal-art u l-aċċess għall-ilma. Huma ser jipromwovu l-ħolqien ta' organizzazzjonijiet u kooperattivi tal-bdiewa biex, fost l-oħrajn, jindirizzaw il-produttività aħjar tal-irziezet tal-familja, id-drittijiet ta' użu tal-art u s-sistemi taż-żrieragħ imsejsa fuq il-biedja tradizzjonali. Huma ser jikkontribwixxu biex tiżdied il-kwalità tal-kundizzjonijiet sanitarji u fitosanitarji. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jimmiraw li jiżviluppaw swieq u katini tal-valur agrikoli f'pajjiżi sħab, li jkunu ta' benefiċċju għall-foqra u jinkoraġġixxu lill-agroindustrija tiġġenera l-impjiegi u l-valur miżjud. Dan ser jinkludi l-appoġġ għall-integrazzjoni taż-żgħażaġħ u l-awtonomizzazzjoni tan-nisa u l-promozzjoni tar-riċerka u l-innovazzjoni. Jinħtieġu investimenti fl-agrikoltura sostenibbli u fil-qasam agroalimentari biex jiddiversifikaw is-sistemi ta' produzzjoni lokali u reġjonali, jipprevjenu l-malnutrizzjoni u jiġġeneraw żidiet fil-produttività u l-impjiegi deċenti, mingħajr ma jagħmlu ħsara lill-ambjent. Jinħtieġu investimenti kbir mis-settur pubbliku u dak privat fl-agrikoltura sostenibbli u l-infrastruttura relatata, f'ħafna pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp, speċjalment fl-Afrika. Dawn l-investimenti u riformi tal-politika għandhom ikunu responsabbli, inklużivi, u ta' benefiċċju għall-popolazzjonijiet lokali.

56. Is-sistemi sostenibbli tal-agrikoltura u dawk alimentari, inkluż is-sajd sostenibbli, ser ikollhom jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' popolazzjoni globali li qed tikber filwaqt li jipproteġu l-ambjent. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jappoġġaw prattiki agroekoloġiċi, azzjonijiet biex inaqqsu t-telf ta' wara l-ħsad u l-ħela tal-ikel, kif ukoll biex jipproteġu l-ħamriji, jikkonservaw ir-riżorsi tal-ilma, iwaqqfu, jipprevjenu u jreġġgħu lura d-deforestazzjoni, u jżommu l-biodiversità u l-ekosistemi b'saħħithom. Għandu jiġi sfruttat il-potenzjal għall-mitigazzjoni tal-gassijiet serra tal-agrikoltura sostenibbli u tal-ħamrija, filwaqt li għandha tissaħħaħ ir-reżiljenza għall-impatti tat-tibdil fil-klima. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jippromwovu prattiki sostenibbli tas-sajd u l-akkwakultura, u ser jappoġġaw azzjoni biex jindirizzaw is-sajd illegali, it-tniġġis marittimu u l-impatti tat-tibdil fil-klima.
57. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser ikomplu jappoġġaw it-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni fil-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp bħala faċilitaturi b'saħħithom ta' tkabbir inklużiv u żvilupp sostenibbli. It-teknoloġiji diġitali qed jiġu adottati fid-dinja li qed tiżviluppa b'rata mingħajr preċedent. Madankollu, in-nuqqas ta' konnettività jibqa' ostaklu ewlieni għall-iżvilupp f'ħafna pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp, l-aktar fiż-żoni rurali u remoti, speċjalment fl-Afrika. Barra minn hekk, il-kompetizzjoni limitata tista' ħafna drabi trendi t-teknoloġiji diġitali inaċċessibbli u mhux affordabbli għall-parti l-kbira tal-popolazzjoni. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jaħdmu fuq l-integrazzjoni aħjar ta' soluzzjonijiet diġitali fl-iżvilupp u ser jippromwovu l-użu ta' teknoloġiji diġitali f'firxa ta' oqsma ta' prijorità (bħalma huma l-governanza elettronika, l-agrikoltura, l-edukazzjoni, il-ġestjoni tal-ilma, is-saħħa u l-enerġija). Huma ser jappoġġaw ambjenti favorevoli għall-ekonomija diġitali billi jsaħħu l-konnettività libera, miftuħa u sigura, u jneħħu l-ostakli biex jilliberaw il-potenzjal sħiħ tagħha għall-iżvilupp sostenibbli. Huma ser jappoġġaw l-intraprenditorija diġitali, inkluż għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, biex jiżviluppaw kontenut rilevanti lokalment, jippromwovu l-innovazzjoni u l-ħolqien ta' impjiegi deċenti. Huma għandhom jappoġġaw ukoll il-litteriżmu u l-ħiliet diġitali biex jagħtu s-setgħa lin-nies, speċjalment lin-nisa u lil persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli u marġinalizzati, sabiex jiġu promossi l-inklużjoni soċjali u biex tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni tagħhom fil-governanza demokratika u l-ekonomija diġitali.

58. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jappoġġaw id-disinn, il-kostruzzjoni u t-tħaddim ta' infrastrutturi u bini ta' kwalità li huma aktar effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u l-enerġija. Huma ser jappoġġaw l-iżvilupp ta' networks tal-mobbiltà u t-trasport sostenibbli, b'emissjonijiet baxxi, interkonnessi u siguri u infrastruttura oħra reżiljenti u li ma tagħmilx ħsara lill-klima, bħal networks tal-enerġija, sistemi tal-ilma u sistemi tal-ġestjoni tal-iskart, biex jipromwovu l-aċċess ġust u affordabbli għal kulħadd, it-tkabbir, il-kummerċ u l-investimenti. Huma ser jintegraw b'mod sistematiku l-għan tat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra fi proġetti infrastrutturali.
59. L-UE u l-Istati Membri tagħha jtennu l-ħtieġa ta' konformità sħiħa ma' standards internazzjonali dwar l-ambjent u dawk dwar is-sikurezza nukleari fil-pajjiżi sħab.
60. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jagħmlu hilitom biex jagħtu spinta lill-potenzjal tal-ibliet bħala ċentri għal tkabbir u innovazzjoni sostenibbli u inklużivi, b'kont meħud tal-komunitajiet rurali usa' tagħhom u ta' żvilupp reġjonali bbilanċjat. Huma ser jipromwovu żvilupp urban sostenibbli u inklużiv biex jiġu indirizzati l-inugwaljanzi urbani b'attenzjoni fuq dawk li huma l-aktar fil-bżonn, inkluż dawk li jgħixu f'insedjamenti informali u kwartieri tal-foqra. Ser jappoġġaw lis-sħab biex jipprovdu aħjar is-servizzi bażiċi u l-aċċess ġust għas-sigurtà tal-ikel, djar aċċessibbli, deċenti u affordabbli u l-kwalità tal-ħajja tal-popolazzjonijiet urbani li qed jiżdiedu rapidament. F'konformità mal-Aġenda Urbana Ġdida tan-NU, huma ser jipromwovu l-ippjanar tal-użu sostenibbli tal-art, il-ġestjoni ġusta tas-swieq tal-artijiet, il-mobbiltà urbana sostenibbli, u bliet intelliġenti u sikuri li jużaw l-opportunitajiet tad-diġitalizzazzjoni u t-teknoloġiji. Huma ser jipromwovu politiki territorjali u urbani inklużivi, ibbilanċjati u integrati, u koordinazzjoni governattiva f'diversi livelli, li jsawru rabtiet aktar b'saħħithom bejn iż-żoni rurali u dawk urbani. Huma ser jibnu r-reżiljenza tal-ibliet għal xokkijiet u jisfruttaw l-opportunitajiet għal ekonomija b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju u reżiljenti għat-tibdil fil-klima.

**2.4. Paċi – Soċjetajiet paċifiċi u inklużivi, Demokrazija,
Istituzzjonijiet Effettivi u Responsabbli, Stat tad-Dritt u Drittijiet tal-Bniedem għal
kulħadd**

61. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jippromwovu l-valuri universali tad-demokrazija, il-governanza tajba, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem għal kulħadd, għaliex huma prekondizzjonijiet għal żvilupp sostenibbli u stabbiltà, fil-firxa sħiħa ta' sħubiji u strumenti fis-sitwazzjonijiet u l-pajjiżi kollha, inkluż permezz ta' azzjoni għall-iżvilupp. Huma ser jappoġġaw l-isforzi domestiċi, imfassla għall-ħtiġijiet u l-kuntest ta' kull soċjetà biex jinbnew stati demokratiċi sostenibbli, reżiljenti għal xokkijiet esterni u interni u biex jindirizzaw dak li jwassal għall-vulnerabbiltà, inkluż l-inugwaljanza.

Governanza Tajba, Demokrazija, l-Istat tad-dritt, u Drittijiet tal-Bniedem

Il-governanza tajba, id-demokrazija u l-istat tad-dritt huma importanti ħafna għall-iżvilupp sostenibbli. L-istat tad-dritt huwa prerekwiżit għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali kollha. Istituzzjonijiet u sistemi ta' governanza effettivi li huma reattivi għall-bżonnijiet pubbliċi jipprovdu servizzi essenzjali u jippromwovu tkabbir inklużiv, filwaqt li proċessi politiċi inklużivi jiżguraw li ċ-ċittadini jistgħu jżommu lill-uffiċjali pubbliċi responsabbli fil-livelli kollha.

L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jippromwovu istituzzjonijiet responsabbli u trasparenti, inkluż il-parlamenti nazzjonali, u jrawmu teħid tad-deċiżjonijiet parteċipatorju u l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni. Huma ser jippromwovu qrati indipendenti u imparzjali, u jappoġġjaw l-għoti ta' ġustizzja ekwa, inkluż l-aċċess għal assistenza legali. Huma ser jappoġġaw it-tiġh tal-kapaċitajiet għal istituzzjonijiet b'saħħithom u governanza b'diversi livelli, bil-parteeipazzjoni ta' persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli u ta' minoranzi permezz ta' sħubiji bejn gvernijiet nazzjonali, subnazzjonali u lokali u billi jisfruttaw il-potenzjal ta' soluzzjonijiet diġitali. Ser jappoġġaw inizzjattivi biex tiġi miġġielda l-korruzzjoni u biex tiġi introdotta aktar trasparenza u l-obbligu ta' rendikont fil-finanzjament pubbliku u fl-għoti ta' servizzi pubbliċi.

62. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jappoġġaw spazju miftuħ u faċilitattiv għas-soċjetà ċivili, approċċi inklużivi u trasparenza fit-teħid tad-deċiżjonijiet fil-livelli kollha. Huma ser ikomplu jappoġġaw elezzjonijiet inklużivi, trasparenti u kredibbli billi jipprovdu appoġġ f'waqtu matul iċ-ċiklu elettorali kif ukoll jippromwovu partiti politiċi demokratiċi u responsabbli u l-parteċipazzjoni attiva taċ-ċittadini matul il-proċess elettorali. Il-Missjonijiet ta' Osservazzjoni Elettorali Indipendenti tal-UE huma għodda importanti għal dan l-għan. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jappoġġaw u jippromwovu l-governanza demokratika li tiżgura t-tgawdija tal-libertajiet fundamentali, bħal-libertà tal-ħsieb, ta' reliġjon jew ta' twemmin, il-libertà ta' għaqda u ta' assoċjazzjoni, inkluż għal persuni emarġinati u li tagħti riżultati dwar id-drittijiet universali tal-bniedem, sew ċivili, politiċi, ekonomiċi, soċjali jew kulturali. Ser jappoġġaw il-libertà ta' espressjoni u ta' opinjoni u jipprovdu appoġġ għal mezzi tal-informazzjoni indipendenti u pluralistiċi li jipproduċu aħbarijiet ta' kwalità ibbażati fuq il-fatti u d-data.
63. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser irawmu sistemi tal-ġustizzja effiċjenti, trasparenti, indipendenti, miftuħa u responsabbli u ser jippromwovu aċċess għall-ġustizzja għal kulħadd — u b'mod partikolari l-foqra u persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli. Dan ikopri l-isforzi biex tiġi indirizzata l-kriminalità inkluż il-kriminalità u l-vjolenza urbana, u l-isforzi biex jiġu miġġielda l-kriminalità organizzata transnazzjonali li hija attiva fl-armi, id-drogi jew it-traffikar ta' bnedmin.
64. Il-faqar, il-konflitt, il-fraġilità, u ċ-ċaqliq sfurzati tal-popolazzjoni huma profondament marbuta flimkien u għandhom jiġu indirizzati b'mod koerenti u komprensiv, anke bħala parti mir-rabta bejn l-aspett umanitarju u l-iżvilupp. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jindirizzaw il-kawżi fundamentali tagħhom fil-livelli kollha, li jvarjaw mill-esklużjoni, l-inugwaljanza, in-nuqqas ta' sigurtà tal-ikel, il-ksur u l-abbuż tad-drittijiet tal-bniedem u n-nuqqas tal-istat tad-dritt sad-degradazzjoni ambjentali, inkluż it-tibdil fil-klima.

65. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jużaw il-kooperazzjoni għall-iżvilupp bħala parti mill-firxa sħiħa ta' politiki u strumenti biex jipprevjenu, jiġġestixxu u jgħinu fis-soluzzjoni ta' konflitti u kriżijiet, jevitaw il-ħtiġijiet umanitarji u jibnu paċi dejjiema u governanza tajba. L-enfasi ewlenija tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp tibqa' l-qerda tal-faqar fid-dimensjonijiet kollha tiegħu u mhu ser ikun hemm l-ebda devjazzjoni tal-isforz minn dak il-għan. Huma ser jippromwovu l-approċċ komprensiv għal konflitti u kriżijiet permezz tal-użu aħjar tal-istrateġiji ta' transizzjoni u tas-sistema ta' twissija bikrija tal-UE għall-konflitti, b'enfasi fuq il-fraġilità, is-sigurtà tal-bniedem u r-rikonoxximent tar-rabta bejn l-iżvilupp sostenibbli, l-azzjoni umanitarja, il-paċi u s-sigurtà.
66. Il-bini tal-paċi u l-bini tal-istat huma essenzjali għall-iżvilupp sostenibbli u għandhom iseħħu fil-livelli kollha, minn dak globali għal dak lokali, u fl-istadji kollha taċ-ċiklu tal-konflitt, mit-twissija bikrija għall-prevenzjoni, sar-rispons għall-kriżijiet u l-istabbilizzazzjoni. Fil-kuntest tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp, l-UE u l-Istati Membri tagħha jistgħu jimpenjaw ruħhom ukoll mal-atturi tas-settur tas-sigurtà biex isaħħu l-kapaċità tagħhom li jiżguraw objettivi tal-iżvilupp sostenibbli, b'mod partikolari l-kisba ta' soċjetajiet paċifiċi u inklużivi. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jipromwovu soluzzjonijiet komuni għal sfidi ta' sigurtà u żvilupp, inkluż billi jappoġġaw il-governanza demokratika tas-settur tas-sigurtà, l-effikaċja tagħha biex tipprovdi s-sigurtà tal-bniedem u t-tiġi tal-kapaċità. L-UE u l-Istati Membri tagħha jirrikonoxxu l-ħtieġa li tiġi evitata u miġġielda r-radikalizzazzjoni li twassal għal estremiżmu vjolenti, inkluż permezz tat-trawwim tat-tolleranza reliġjuża u d-djalogu interreliġjuż. Huma ser ikomplu jappoġġaw il-prinċipju ta' responsabbiltà ta' protezzjoni u l-prevenzjoni ta' delitti atroċi. F'dan il-kuntest, l-UE u l-Istati Membri tagħha ser ikomplu jintensifikaw il-kooperazzjoni man-NU, is-sħab reġjonali u dawk nazzjonali.
67. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jikkontribwixxu għal Riforma tas-Settur tas-Sigurtà li tista' tikkontribwixxi għall-istabbiliment ta' kontroll demokratiku u responsabilità effettivi, titjib tas-sigurtà tal-bniedem, l-iżvilupp sostenibbli u l-qerda tal-faqar. Ir-riforma tas-settur tas-sigurtà għandha tkun imfassla skont il-ħtiġijiet ta' sigurtà tal-pajjiżi sħab u bbażata fuq sjieda nazzjonali ċara u sostnuta.

68. Il-pajjiżi f'sitwazzjoni fraġli jew affettwati minn konflitt jeħtieġu attenzjoni speċjali u involviment internazzjonali sostnut sabiex jiksbu l-iżvilupp sostenibbli. L-għanijiet tal-bini tal-istat u tal-paċi huma essenzjali biex tiġi żviluppata kapaċità domestika biex kwistjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali jiġu integrati bis-sħiħ mal-kwistjonijiet dwar is-sigurtà u l-iżvilupp. Fl-għajjnuna għall-iżvilupp tagħhom, l-UE u l-Istati Membri tagħha ser jagħtu attenzjoni partikolari lil stati fraġli u milquta minn konflitt u ser jappoġġaw lil dawk li huma l-aktar vulnerabbli. Billi jippromwovu u jipproteġu d-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija, l-istat tad-dritt u l-governanza tajba, huma ser jikkontribwixxu b'mod proattiv għall-istabbiltà u s-sigurtà kif ukoll ir-reżiljenza. Huma ser jintegraw is-sensittività għall-konflitt fil-ħidma kollha tagħhom, biex jimmassimizzaw l-impatt pożittiv fuq il-paċi. Ser jippromwovu t-trasparenza, ir-responsabbiltà u l-aċċess għall-ġustizzja, billi jimpenjaw ruħhom mal-partijiet ikkonċernati kollha fil-proċessi tal-prevenzjoni tal-konflitti, iż-żamma tal-paċi u l-bini tal-paċi. Huma ser jappoġġaw ġustizzja transizzjonali permezz ta' miżuri speċifiċi għall-kuntest li jippromwovu l-verità, il-ġustizzja, il-kumpens għad-danni u l-garanziji ta' nonrikorrenza. L-istabbilizzazzjoni tirrikjedi li titnaqqas id-diskrepanza bejn ir-riżoluzzjoni tal-konflitt u l-proċessi ta' riforma fit-tul, biex tinbena l-fiduċja bejn il-gvern u l-popolazzjoni, inkluż permezz ta' impetu biex jibdedw jingħataw is-servizzi. F'dan il-kuntest, l-UE u l-Istati Membri tagħha ser jagħtu ħajja ġdida lis-sħubiji ma' sħab reġjonali kwalifikati. Is-suċċess ta' interventi relatati mal-paċi u s-sigurtà jiddependi partikolarment fuq il-kooperazzjoni ma' atturi lokali u s-sjieda tagħhom tal-proċess. It-tagħlim bejn il-pari bejn stati fraġli u milquta minn konflitti jista' jkun siewi. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jindirizzaw l-aspetti kollha tal-prevenzjoni u r-rispons għal vjolenza sesswali u sessista f'sitwazzjonijiet ta' konflitt u ta' wara l-konflitt, u jappoġġaw in-nisa bħala aġenti pożittivi għall-prevenzjoni ta' konflitti, ir-riżoluzzjoni ta' konflitti, l-għajjnuna u l-irkupru u l-bini ta' paċi sostenibbli.

69. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jimplimentaw azzjoni umanitarja u kooperazzjoni għall-iżvilupp b'mod aktar koerenti u komplementari, u b'hekk jikkontribwixxu b'mod attiv għall-bini tar-reżiljenza individwali, komunitarja, soċjetali u tal-istat, filwaqt li jindirizzaw il-faqar estrem, jipprevjenu u jirrispondu għall-kriżijiet, inaqqsu l-vulnerabbiltà kronika u jibnu l-awtodipendenza. Soluzzjonijiet sostenibbli jirrikjedu approċċi multilaterali, interventi f'livelli differenti u viżjoni fuq perijodu twil. Dan ifisser it-tiżni tar-rabta bejn l-għajnuna, ir-riabilitazzjoni u l-iżvilupp, inkluż permezz ta' skambju intensiv ta' informazzjoni, il-koordinazzjoni tad-donaturi u analiżi konġunta ta' lakuni, riskji u vulnerabbiltajiet, u viżjoni kondiviża ta' prijoritajiet strateġiċi kmieni kemm jista' jkun. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jiżguraw involviment bikri u kooperazzjoni mill-qrib tal-atturi politiċi u tal-iżvilupp mill-bidu nett, biex jikkomplementaw u jibnu fuq l-interventi ta' emerġenza u ta' rkupru bikri tal-atturi umanitarji. Dan ser isir b'tali mod li l-prinċipji umanitarji jiġu rrispettati f'konformità mal-liġi umanitarja internazzjonali.
70. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser iżidu l-isforzi tagħhom biex jibnu reżiljenza u adattabbiltà għall-bidla, b'mod konsistenti fost l-oħrajn mal-Qafas ta' Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri 2015-2030 u l-Ftehim ta' Pariġi dwar it-Tibdil fil-Klima. L-għajnuna lill-persuni u l-komunitajiet biex ikunu mħejjija aħjar, jitnaqqsu l-espożizzjoni u l-vulnerabbiltà tagħhom, u tissaħħaħ ir-reżiljenza biex ikunu jifilħu għax-xokkijiet u d-diżastri u jirkupraw minnhom hija ċentrali biex jitnaqqas l-impatt negattiv u jkun evitat it-telfien ta' hajiet u ta' mezzi tal-għajxien. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jinkorporaw il-valutazzjonijiet tar-riskju u l-analiżi tal-lakuni fil-programmi ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp tagħhom. Huma ser ikomplu jibnu wkoll stat ta' tħejjija għal theddid transfruntier għas-saħħa, f'konformità mar-Regolamenti tas-Saħħa Internazzjonali, b'mod partikolari permezz tat-tiżni tal-kapaċitajiet ta' sistemi tas-saħħa nazzjonali u reġjonali u t-titjib tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni. Waqt li jibnu fuq it-tagħlimiet meħuda minn kriżijiet globali tas-saħħa, l-UE u l-Istati Membri tagħha ser ikomplu jippromwovu inizjattivi transettorjali fil-livelli internazzjonali, reġjonali u lokali u ser ipoġġu t-tiżni orizzontali tas-sistemi tas-saħħa fil-qalba tal-ipprogrammar tal-iżvilupp tas-saħħa.

71. Il-migrazzjoni, l-iżvilupp sostenibbli u l-istabbiltà huma marbutin mill-qrib. L-UE u l-Istati Membri tagħha huma impenjati f'azzjoni koordinata biex jiġu indirizzati l-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni irregolari u ċ-ċaqliq sfurzat tal-popolazzjoni, bħall-konflitti, il-fraġilità tal-istat, in-nuqqas ta' sigurtà u l-emarġinazzjoni, il-faqar, in-nuqqas ta' sigurtà tal-ikel, l-inugwaljanzi u d-diskriminazzjoni, u d-degradazzjoni ambjentali inkluż it-tibdil fil-klima. Huma ser jippromwovu d-drittijiet tal-bniedem u d-dinjità tal-popli, il-bini tad-demokrazija, il-governanza tajba u l-istat tad-dritt, l-inklużjoni u l-koeżjoni soċjali, l-opportunitajiet ekonomiċi b'impjiegi deċenti u negozji ffukati fuq il-persuni u bi spazju politiku għas-soċjetà ċivili. Huma ser jiġġieldu wkoll kontra l-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali u t-traffikar ta' bnedmin, li huma sorsi ta' instabbiltà. Il-bini ta' sħubijiet b'saħħithom ma' pajjiżi ta' orġini, ta' transitu u ta' destinazzjoni b'politiki sostnuti fit-tul li jindirizzaw id-diversi dimensjonijiet tal-isfida, huwa kruċjali.

3. SĦUBIJA - L-UE BĦALA FORZA GĦALL- IMPLIMENTAZZJONI TAL-AĠENDA 2030

72. Filwaqt li tirrikonoxxi li kull pajjiż għandu r-responsabbiltà primarja għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali proprju tiegħu, l-Aġenda 2030 għandha tiġi implimentata mill-pajjiżi kollha u l-partijiet konċernati kollha li jaġixxu fi sħubija. Ix-xenarju tal-iżvilupp qed jespandi, u qed jinkludi aktar atturi ġodda. Il-parlamenti, il-partiti politiċi, l-awtoritajiet reġjonali u lokali, l-istituzzjonijiet ta' riċerka, l-organizzazzjonijiet filantropiċi, kooperattivi, is-settur privat u s-soċjetà ċivili saru sħab strumentali biex jintlaħqu l-aktar persuni vulnerabbli u emarġinati. Il-promozzjoni u d-difiża ta' spazju fejn dawn l-atturi tal-iżvilupp jistgħu joperaw b'mod sikur huwa essenzjali għall-kisba ta' żvilupp sostenibbli.

3.1. Naħdmu aħjar flimkien

73. Bi tweġiba għal sfidi globali, l-UE u l-Istati Membri tagħha ser ikomplu jtejbju l-mod li bih iwasslu l-kooperazzjoni tagħhom, inkluż billi jaħdmu flimkien b'mod aħjar, b'kont meħud tal-vantaġġi komparattivi rispettivi tagħhom. Dan jinkludi t-titjib fl-effikaċja u fl-impatt permezz ta' koordinazzjoni u koerenza akbar, billi jiġu applikati l-prinċipji tal-effikaċja tal-iżvilupp u billi l-kooperazzjoni għall-iżvilupp tingħata bħala parti waħda mill-azzjoni ġenerali interna u esterna għall-promozzjoni tal-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030. Biex tilħaq l-oġġettivi tagħha b'mod aktar effikaċi, u b'konsistenza mal-għan primarju li jinqered il-faqar, il-politika għall-iżvilupp tal-UE għandha tkun adattabbli u reattiva għal ħtiġijiet, kriżijiet u prijoritajiet li jinbidlu.
74. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jikkoordinaw u jiżviluppaw pożizzjonijiet komuni f'fora internazzjonali marbuta mal-politika tal-iżvilupp. Dan ser itejjeb l-influwenza kollettiva tal-UE u l-Istati Membri u ser jikkontribwixxi għal diskussjonijiet multilaterali aktar effettivi.
75. Fil-livell tal-pajjiż, l-UE u l-Istati Membri tagħha ser itejbu l-Ipprogrammar Konġunt fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp sabiex iżidu l-impatt kollettiv tagħhom billi jiġbru flimkien ir-riżorsi u l-kapaċitajiet tagħhom. L-Ipprogrammar Konġunt għandu jiġi promoss u msaħħaħ, filwaqt li jitħalla volontarju, flessibbli, inklużiv u mfassal apposta skont il-kuntest tal-pajjiż, u għandu jippermetti li d-dokumenti tal-ipprogrammar tal-UE u tal-Istati Membri jiġu sostitwiti f'dokumenti ta' Ipprogrammar Konġunt tal-UE. L-impenn, l-appropriazzjoni u s-sjieda tal-pajjiż sħab huma essenzjali għal dan il-proċess. L-Ipprogrammar Konġunt għandu jitmexxa mill-istrateġija tal-iżvilupp tal-pajjiż sieħeb u jiġi allinjat mal-prijoritajiet ta' żvilupp tal-pajjiż sieħeb. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jaħdmu flimkien biex jiżviluppaw reazzjonijiet strateġiċi bbażati fuq għarfien komuni, valur miżjud, taġħlimiet meħuda u analiżi konġunta tal-kuntest tal-pajjiż, inkluż il-faqar u s-sostenibbiltà, u r-relazzjonijiet ġenerali tal-pajjiż mal-UE. B'hekk, ser jieħdu kont ta' mezzi disponibbli għall-finanzjament tal-iżvilupp, f'konformità mal-AAAA. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser isegwu wkoll koordinazzjoni u sinerġiji msaħħa, f'pajjiżi fraġli u milquta minn konflitti, inkluż permezz ta' proċessi ta' Programmar Konġunt u ta' analiżi konġunta ta' konflitti. Dan ser jikkontribwixxi wkoll għall-Patt il-Ġdid għall-Impenn fi Stati Fraġli.

76. Iż-żieda fl-użu ta' risponsi konġunti tal-UE ġejjin mill-Ipprogrammar Konġunt tal-UE tista' tiżgura impatt u viżibbiltà akbar għall-UE u l-Istati Membri tagħha fuq il-post. Dan l-approċċ ser jgħin biex jinġabru r-riżorsi flimkien, titnaqqas il-frammentazzjoni u tingħata spinta lill-effettività. Monitoraġġ konġunt u oqfsa ta' riżultati ser ikunu elementi ċentrali tar-rispons konġunt biex jinżamm il-momentum, ikun hemm dialogu informat u tittejjeb ir-responsabbiltà reċiproka. L-Ipprogrammar Konġunt għandu jkun miftuħ għal donaturi u atturi internazzjonali rilevanti oħra meta jiġu vvalutati bħala rilevanti fil-livell tal-pajjiż mir-rappreżentanti tal-UE u tal-Istati Membri.
77. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jippruvaw jappoġġaw ukoll lill-pajjiżi sħab permezz ta' implimentazzjoni konġunta kull meta jkun xieraq. L-implimentazzjoni konġunta hija mod ta' kif jiġi promoss appoġġ tal-UE aktar koerenti, effikaċi u koordinat ibbażat fuq objettivi komuni f'setturi magħżula jew fuq temi transsettorjali speċifiċi u adattati għall-kuntesti tal-pajjiżi. L-implimentazzjoni konġunta ser tkun ibbażata fuq analiżijiet konġunti b'kont meħud tar-riżorsi disponibbli u ser ikunu mmonitorjati u evalwati b'mod konġunt. L-implimentazzjoni konġunta tista' ssir fil-livell nazzjonali, reġjonali jew globali u tista' tkun marbuta ma' oqsma oħrajn ta' azzjoni esterna kif xieraq.
78. L-implimentazzjoni konġunta ser tkun inklużiva u miftuħa għas-sħab kollha tal-UE li jaqblu u li jistgħu jikkontribwixxu għal viżjoni komuni, inkluż aġenziji tal-Istati Membri u l-istituzzjonijiet finanzjarji ta' żvilupp tagħhom, is-settur privat, is-soċjetà ċivili u membri tal-qasam akkademiku. Dan jista' jinkludi wkoll, meta jiġi vvalutat bħala rilevanti, gvernijiet oħra li jaħsbuha l-istess, in-Nazzjonijiet Uniti u organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali oħra u istituzzjonijiet finanzjarji. L-implimentazzjoni konġunta tista' tinvolvi diversi modalitajiet finanzjarji bħall-kofinanzjament u l-kooperazzjoni delegata, kif ukoll mezzi mhux finanzjarji ta' implimentazzjoni u għandha tibni fuq il-vantaġġi komparattivi tal-atturi differenti u l-kondiviżjoni tal-aħjar Prattiki. F'dan il-kuntest, l-UE u l-Istati Membri ser ikomplu jisfruttaw u jaqsmu l-esperjenzi tal-Istati Membri kollha inkluż l-esperjenza ta' transizzjoni.

79. L-Ipprogrammar ta' żvilupp fuq bażi ġeografika jew tematika ser isegwi approċċ multiannwali. Fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp tagħhom, l-UE u l-Istati Membri tagħha ser jużaw modalitajiet differenti u komplementari (bħall-għajjnuna għall-proġetti, appoġġ għas-settur tal-ipprogrammar, appoġġ settorjali u għall-baġit ġenerali) u modi ta' twassil tal-għajjnuna (inkluż il-ġemellaġġ, l-għajjnuna teknika u t-tiżni tal-kapaċità), skont x'ser jaħdem l-aħjar f'kull pajjiż abbażi tal-kapaċitajiet, il-ħtiġijiet u l-prestazzjoni tal-pajjiż b'kont meħud tas-sitwazzjonijiet speċifiċi.
80. L-UE u l-Istati Membri tagħha, fejn xieraq, ser ifittxu wkoll opportunitajiet biex jiġbru flimkien ir-riżorsi u japplikaw teħid ta' deċiżjonijiet u implimentazzjoni rapidi u flessibbli biex jimmassimizzaw l-impatt, l-effikaċja u l-viżibbiltà tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE biex jintlaħqu l-SDGs, permezz ta' inizzjattivi, b'mod partikolari l-Fondi Fiduċjarji tal-UE li jintużaw għal azzjonijiet tematiċi, waqt emerġenza jew wara emerġenza, li jistgħu jipprovdu opportunitajiet għal azzjoni konġunta effettiva mill-UE, l-Istati Membri u sħab tal-iżvilupp oħra. Huma għandhom joffru effikaċja amministrattiva u valur miżjud u għandhom ikunu inklużivi billi jinvolvu d-donaturi kollha, inkluż id-donaturi żgħar. Il-Kummissjoni ser tiżgura t-trasparenza billi tipprovi, fost l-oħrajn, informazzjoni regolari lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, u permezz tal-involvement xieraq tagħhom fl-istrutturi ta' governanza rilevanti, skont il-leġislazzjoni applikabbli tal-UE. Il-Fondi Fiduċjarji ser japplikaw il-medda sħiħa ta' prinċipji tal-effikaċja tal-iżvilupp u ser ikunu koerenti mal-prijoritajiet tal-iżvilupp fit-tul, mal-istrateġiji tal-pajjiż nazzjonali u tal-UE u strumenti u programmi rilevanti oħra.

81. Il-ħidma kkoordinata mill-UE u l-Istati Membri tagħha dwar l-appoġġ baġitarju ser tgħin fil-promozzjoni tal-isforzi ta' implimentazzjoni ta' SDG f'pajjiżi sħab, fit-titjib tal-ġestjoni makroekonomika u finanzjarja pubblika, u fit-titjib tal-ambjent tan-negozju. L-appoġġ baġitarju, meta applikabbli u ma' dawk li lesti jieħdu sehem, ser jintuża biex jissaħħu s-sħubija, id-djalogu politiku, is-sjieda tal-pajjiż u r-responsabbiltà reċiproka mal-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp, abbażi ta' prinċipji, objettivi u interessi kondiviżi u b'reazzjoni għall-kuntesti politiċi, ekonomiċi u soċjali tal-pajjiżi sħab. L-appoġġ baġitarju ser jiġi applikat b'mod konsistenti mal-prinċipji ta' effikaċja tal-iżvilupp u fejn il-kondizzjonijiet huma tajba u fejn hemm fis-seħħ sistemi ta' kontroll tal-governanza effettivi, u ser ikun akkumpanjat minn trasferimenti ta' żvilupp tal-kapaċità, ta' għerf u ta' għarfien espert. Għaldaqstant dan ser jikkomplementa l-isforzi tal-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp biex jiġbru aktar u jonfqu aħjar b'appoġġ għall-iżvilupp sostenibbli, u biex jippromwovu t-tkabbir inklużiv u l-ħolqien ta' impjiegi, il-qerda tal-faqar, it-tnaqqis tal-inugwaljanza u soċjetajiet paċifiċi. Appoġġ baġitarju jista' jikkontribwixxi wkoll biex jindirizza l-kawżi ta' fraġilità u jippromwovi l-istabbiltà u l-bini tal-istat f'pajjiżi f'sitwazzjonijiet fraġli jew fi transizzjoni.
82. L-amalgamazzjoni ta' għotjiet u self, bħala mod kif jiġi influwenzat il-finanzjament pubbliku, huwa mezz importanti ieħor biex tkun implimentata l-Aġenda 2030. L-amalgamazzjoni tkopri r-reġjuni kollha ta' kooperazzjoni esterna tal-EU f'setturi inkluż l-enerġija, it-trasport u l-infrastruttura tal-ilma, appoġġ għal Intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju, setturi soċjali u l-ambjent. Ser ikun meħtieġ l-involvement akbar mis-settur privat, bl-użu ta' strumenti finanzjarji innovattivi biex jgħinu jħajru aktar finanzjament privat għal żvilupp sostenibbli, inkluż għal azzjoni relatata mal-klima. Waqt li tiżgura l-addizzjonalità u tiffoka fuq rilevanza għall-iżvilupp, l-amalgamazzjoni ser tintuża biex ittejjeb l-effikaċja u tindirizza l-fallimenti tas-suq filwaqt li tillimita d-distorsjonijiet tas-suq. L-attivitajiet ta' amalgamazzjoni ser jippromwovu r-responsabbiltà soċjali korporattiva, inkluż permezz tal-implimentazzjoni ta' linji gwida, prinċipji u strumenti maqbula internazzjonalment. L-amalgamazzjoni hija komponent ewlieni tal-Pjan ta' Investiment Estern Ewropew. Is-sħubija mill-qrib mal-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) u istituzzjonijiet finanzjarja oħra tal-Istati Membri ser tkun karatteristika ewlenija tal-attivitajiet ta' amalgamazzjoni tal-UE. Istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali oħra ser ikunu involuti wkoll.

3.2. Trawwim ta' sħubiji b'diversi partijiet ikkonċernati aktar b'saħħithom u aktar inklużivi

83. Sħubiji aktar b'saħħithom huma fil-qalba tal-approċċ tal-UE għall-implimentazzjoni tal-SDG. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jaħdmu aktar mill-qrib mal-atturi rilevanti l-oħra kollha biex jipromwovu l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 u jsaħħu l-kapaċità tagħhom għal sjieda demokratika. Il-parlamenti u l-partiti politiċi kif ukoll l-awtoritajiet reġjonali u lokali, għandhom jaqdu r-rwoli rispettivi tagħhom b'mod sħiħ, inkluż ir-rwol tagħhom ta' skrutinju, flimkien mal-gvernijiet nazzjonali u b'sehem attiv fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet. Dan jinkludi wkoll ir-rwol importanti tal-parlamenti nazzjonali u reġjonali fil-leġislazzjoni, il-qbil dwar baġits u li l-gvernijiet jinżammu responsabbli.
84. Il-gvernijiet nazzjonali għandhom ir-responsabbiltà primarja għall-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030. Fir-rigward ta' pajjiżi sħab, l-UE u l-Istati Membri tagħha ser jagħmlu enfasi mġedda fuq is-sjieda tal-pajjiż, is-sħubija u d-djalogu, sabiex jikkontribwixxu għal effikaċja akbar. Huma ser jipprovdu appoġġ għal ippjanar komprensiv u inklużiv fil-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp li jkun imsejjes fuq strateġiji, programmi u baġits ta' żvilupp nazzjonali u subnazzjonali. Huma ser jipromwovu djalogi miftuħa tal-gvern mal-partijiet ikkonċernati kollha matul l-istadji tat-teħid ta' deċiżjonijiet, l-ippjanar, l-implimentazzjoni u l-analiżi. Proċessi bħal dawn jgħinu lill-gvernijiet nazzjonali biex jivvalutaw il-mezzi disponibbli ta' implimentazzjoni, jidentifikaw lakuni u jagħżlu oqsma adatti għal żvilupp u kooperazzjoni internazzjonali oħra.
85. Għan fundamentali ser ikun il-bini tal-kapaċità tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw għall-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 fil-livelli lokali, reġjonali u nazzjonali, l-iżvilupp ta' ambjenti ta' politika favorevoli, b'mod partikolari għall-aktar komunitajiet l-aktar emarġinati, u l-appoġġ fit-teħid ta' lezzjonijiet u l-kondiviżjoni tal-għarfien. Dan ser jinkludi appoġġ għall-mobilizzazzjoni u l-użu effikaċi ta' finanzi pubbliċi domestiċi, li jirrappreżentaw bil-kbir l-akbar sors għall-finanzjament ta' żvilupp sostenibbli u l-iktar wieħed stabbli. Dan ser jinkludi wkoll il-promozzjoni ta' sistemi ta' gvern elettroniku għal għbir effiċjenti tat-taxxi u għat-trasparenza fl-użu tal-fondi pubbliċi. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jappoġġaw it-tisħiħ tal-kapaċitajiet għall-oqfsa ta' monitoraġġ bi sjieda nazzjonali, il-għbir ta' data ta' kwalità, id-disaggregazzjoni u l-analiżi, anke permezz ta' għodod ta' monitoraġġ diġitali, kif ukoll għall-koerenza fil-politika għall-iżvilupp sostenibbli.

86. Il-parti l-kbira tal-SDGs jiddependu ħafna fuq l-involvement attiv tal-awtoritajiet lokali u reġjonali biex jintlaħqu. Fejn ikun xieraq, l-UE u l-Istati Membri tagħha ser jappoġġaw riformi fit-trasparenza, ir-responsabbiltà u d-deċentralizzazzjoni biex l-awtoritajiet reġjonali u lokali jingħataw is-setgħa għal governanza u impatt tal-iżvilupp aħjar u jindirizzaw aħjar l-inugwaljanzi fil-pajjiżi. Huma ser jappoġġaw il-proċessi li jgħinu lin-nies biex jinteraġixxu b'mod effettiv mal-gvern lokali fl-istadji kollha tal-ippjanar tal-politika u l-implimentazzjoni tagħha, u ser isaħħu l-kooperazzjoni tagħhom ma' awtoritajiet lokali u subnazzjonali oħrajn, inkluż permezz ta' kooperazzjoni deċentralizzata.
87. L-implimentazzjoni b'suċċess tal-Aġenda 2030 tirrikjedi wkoll il-bini ta' sħubiji aktar b'saħħithom li jmorru lil hinn mill-gvernijiet. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jespandu s-sħubiji mas-settur privat, is-soċjetà ċivili, inkluż it-trade unions u l-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem, l-organizzazzjonijiet multilaterali u reġjonali, l-akkademja, id-dijaspora u partijiet ikkonċernati rilevanti oħrajn. Huma ser ikomplu jappoġġaw it-tishiĥ tal-kapaċitajiet ta' dawn l-atturi biex jaqdu r-rwol shiĥ tagħhom fit-tfassil, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-valutazzjoni ta' strateġiji ta' żvilupp sostenibbli.
88. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser japprofondixxu s-sħubiji tagħhom ma' OSĊ b'appoġġ għall-iżvilupp sostenibbli. Huma ser jippromwovu spazju fejn l-OSĊ ikunu jistgħu jaħdmu u ambjenti favorevoli għalihom, b'parteċipazzjoni pubblika shiĥa, sabiex dawn ikunu jistgħu jaqdu r-rwoli tagħhom bħala avukati, implimentaturi u aġenti tal-bidla indipendenti, fl-educazzjoni u s-sensibilizzazzjoni dwar l-iżvilupp u fil-monitoraġġ u sabiex iżommu lill-awtoritajiet responsabbli għal għemilhom. Huma ser jappoġġaw l-impenji tal-OSĊ għal kooperazzjoni għall-iżvilupp effettiva, trasparenti, responsabbli u orjentata lejn ir-riżultati.
89. L-UE u l-Istati Membri tagħha jirrikonoxxu r-rwol ewlieni tas-settur privat bħala mutur għal żvilupp sostenibbli fit-tul u l-ħtieġa ta' involviment miegħu permezz ta' djalogu strutturat u objettivi ta' żvilupp kondiviżi. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jiżviluppaw arranġamenti ta' sħubija prattiċi li jkunu kollaborattivi, trasparenti u miftuħa għall-parteċipazzjoni tan-negozji, iċ-ċittadini u partijiet ikkonċernati oħrajn. Huma ser jappoġġaw prattiċi tan-negozju sostenibbli u etiċi u ser joħolqu inċentivi għal investiment mis-settur privat fl-iżvilupp sostenibbli globali.

90. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser isaħħu s-sħubiji tagħhom ma' organizzazzjonijiet multilaterali, inkluż fis-sistema tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Fond Monetarju Internazzjonali, il-Grupp tal-Bank Dinji, banek għall-iżvilupp reġjonali, il-G7, il-G20, l-OECD u istituzzjonijiet reġjonali u multilaterali oħra. Dawn ser jiġu mħeġġa jallinjaw l-attivitajiet tal-ippjanar strateġiku u operazzjonali tagħhom mal-Aġenda 2030 u jrawmu l-appoġġ reċiproku u kkoordinat fl-implimentazzjoni tagħhom, b'konformità sħiħa mal-istrateġiji nazzjonali għall-iżvilupp sostenibbli. Sabiex titjieb l-effikaċja tan-NU u tas-sistema tal-iżvilupp tagħha, l-UE u l-Istati Membri tagħha ser jippromwovu riforma u sinerġiji fi ħdan in-NU, kemm flivell ta' kwartieri ġenerali u kemm fil-livell ta' pajjiż bl-għan li s-sistema tan-NU tkun 'unita fl-azzjoni'. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jippromwovu l-parteċipazzjoni tal-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp fil-governanza ta' organizzazzjonijiet multilaterali.

3.3. Tfassil tas-sħubiji għall-iżvilupp biex jirriflettu l-kapaċitajiet u l-ħtiġijiet

91. Il-kooperazzjoni għall-iżvilupp ser tibqa' tkun speċifika għall-pajjiż jew għar-reġjun, ibbażata fuq il-ħtiġijiet, l-istrateġiji, il-prijoritajiet u r-riżorsi proprji tas-sħab. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jikkooperaw mal-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp b'mod dejjem aktar diversifikat u mfassal apposta. Is-sħubiji għandhom jinkludu kooperazzjoni għall-iżvilupp u assistenza finanzjarja iżda għandhom jinkludu wkoll firxa ta' strateġiji, politiki u strumenti, sabiex tkun riflessa l-varjetà dejjem tikber ta' ċirkostanzi tal-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp.

92. Filwaqt li tirrispetta b'mod sħiħ il-prijoritajiet tal-Istati Membri individwali, il-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE u l-Istati Membri tagħha ser tkun immirata fejn tinħtiegħ l-aktar u fejn jista' jkollha l-aktar impatt, speċjalment fil-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati u f'sitwazzjonijiet ta' fraġilità u konflitt. F'dawn il-pajjiżi, l-aktar l-Afrika, jgħixu proporzjon sinifikanti u dejjem jiżdied tal-foqra fid-dinja u għandhom l-aktar potenzjal baxx li jiġbru l-finanzjament u l-ikbar nuqqasijiet f'mezzi biex jintlaħqu l-SDGs. Huma ser ikomplu jiddependu ħafna fuq finanzjament pubbliku internazzjonali fil-futur. Il-flussi finanzjarji pubbliċi internazzjonali bl-aktar konċessjonijiet, b'mod partikolari l-għotjiet, għandhom jiġu bbilanċjati mill-ġdid lejn dawk il-pajjiżi l-aktar fil-bżonn, fosthom dawk f'sitwazzjonijiet ta' fraġilità. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser ikunu attenti għall-isfidi speċifiċi tal-pajjiżi li jgħaddu mill-istatus ta' dħul baxx għal dak ta' dħul medju.
93. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jimpenjaw ruħhom fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp, fi djalogu politiku u fi sħubijiet ma' Pajjiżi bi Dħul Medju (MICs) dwar l-iżvilupp sostenibbli, il-qerda tal-faqar, il-kriżijiet tar-refuġjati fit-tul u interessi kondiviżi oħrajn. Huma ser jgħaqqdu flimkien il-kooperazzjoni politika, dwar is-sigurtà, ekonomika, xjentifika, teknika, teknoloġika u finanzjarja, kif xieraq. Id-djalogi dwar il-politika pubblika u r-riforma ser jieħdu kont tad-diversità tal-MICs u jippromwovu l-interessi reċiproċi u jidentifikaw il-prijoritajiet, is-sħubijiet u l-prinċipji komuni għall-kooperazzjoni. Huma ser jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-SDGs, li jipprovdu qafas komuni u integrat għall-kooperazzjoni, u jindirizzaw ukoll l-beni pubbliċi u l-isfidi globali.

94. Ħafna mill-MICs għad għandhom numri kbar ta' persuni li qed jgħixu fil-faqar 'il ġewwa mill-fruntieri tagħhom u spiss ikollhom livelli għolja ħafna ta' inugwaljanza u ta' esklużjoni soċjali. Fokus ewlieni fl-involvement mal-MICs ser ikun fuq li jiġi żgurat li ħadd ma jitħalla lura billi jiġu indirizzati l-faqar kif ukoll l-ostakli formali u informali għall-inklużjoni soċjali permezz tal-ħolqien u r-ridistribuzzjoni ekwitabbli tal-ġid. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jindirizzaw ukoll il-ħtieġa li tiġi aċċellerata u appoġġata l-promozzjoni ta' mudelli ta' konsum u produzzjoni sostenibbli, it-tnaqqis tal-iskart, il-ġestjoni responsabbli ta' sustanzi kimiċi u l-effiċjenza fl użu tar-riżorsi. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jaħdmu biex jikkondividu l-għarfien espert, jiffaċilitaw it-trasferiment tat-teknoloġija u l-iskambju ta' Prattiki tajbin, inkluż permezz tal-istabiliment ta' pjattaformi ta' negozju għall-MSMEs, biex jinkoraġġixxu l-investment responsabbli u riforma fiskali favur l-enerġija rinnovabbli, il-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali u l-promozzjoni tal-governanza tajba, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem.
95. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jiżviluppaw ukoll impenn innovattiv ma' pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp aktar avanzati, inkluż il-kooperazzjoni finanzjarja u lil hinn minnha peress li dawn il-pajjiżi jeħtieġu inqas jew l-ebda forma konċessjonali ta' assistenza. Dawn il-pajjiżi huma ċentrali għall-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 u, bħala ekonomiji kbar, l-impatt tagħhom fuq il-beni u l-isfidi pubbliċi globali, inkluż it-tibdil fil-klima, huwa dejjem aktar sinifikanti.

Involvement innovattiv ma' pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp aktar avvanzati

Il-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp aktar avvanzati għandhom impatti u influwenza importanti fi ħdan ir-reġjuni tagħhom, inkluż bħala sorsi ta' stabbiltà reġjonali. Il-kooperazzjoni tagħhom ma' pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp oħrajn qed tikber b'mod rapidu u tirrappreżenta proporzjon importanti tal-kooperazzjoni internazzjonali kollha.

L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jiżviluppaw sħubiji ġodda ma' pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp aktar avvanzati biex jipromwovu l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030, permezz ta' firxa usa' ta' kooperazzjoni. Fil-qalba ta' dawn is-sħubijiet hemm id-djalogu dwar il-politika pubblika u r-riforma. Id-djalogi ta' politika ser jipromwovu l-interessi reċiproċi u jidentifikaw il-prijoritajiet, is-sħubijiet u l-prinċipji komuni għal kooperazzjoni għall-implimentazzjoni tal-SDGs, li jipprovdu qafas għal kooperazzjoni komuni u integrata. Dawn is-sħubiji l-ġodda ser jipromwovu l-iskambju tal-aħjar Prattika, l-assistenza teknika u l-kondiviżjoni tal-għarfien. Barra minn hekk, l-UE u l-Istati Membri tagħha ser jaħdmu ma' dawn il-pajjiżi sabiex jipromwovu l-kooperazzjoni Nofsinhar-Nofsinhar u l-kooperazzjoni trijangolari konsistenti mal-prinċipji tal-effikaċja tal-iżvilupp.

96. Il-ftehimiet, oqfsa, strateġiji, sħubiji u politiki reġjonali fir-rigward tal-pajjiżi kollha fil-fażi tal-iżvilupp ser jiġu ggwidati mill-Kunsens u ser ikunu bbażati fuq għanijiet, prinċipji u valuri komuni. Huma ser jipromwovu l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 fil-livell reġjonali ma' pajjiżi sħab inkluż dawk fl-Afrika, il-Karibew u l-Paċifiku, kif ukoll fl-Amerka Latina u l-Asja.
97. Dan il-Kunsens ser jiggwida wkoll l-azzjonijiet tal-UE fil-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp tar-reġjuni ġirien f'koerenza u konsistenza mal-Politika Ewropea tal-Viċinat. Fil-viċinat tagħhom, l-UE u l-Istati Membri tagħha ser jużaw taħlita ta' strumenti b'mod konsistenti ma' azzjoni tal-UE oħra skont l-Aġenda 2030.

4. TISĦIĦ TA' APPROĊĊI BIEX JITTEJJEB L-IMPATT TAL-UE

4.1. Il-mobilizzazzjoni u l-użu effettiv tal-mezzi kollha ta' implimentazzjoni

98. Sabiex ikun rifless il-qafas mniżżel fl-AAAA u l-Aġenda 2030, l-UE u l-Istati Membri tagħha jridu jadattaw l-aproċċ tagħhom biex jimobilizzaw u jagħmlu użu effettiv tal-mezzi kollha ta' implimentazzjoni, inkluż permezz ta' mekkaniżmi innovattivi ta' finanzjament. Dan jeħtiegħ fokus imġedded fuq l-istabbiliment ta' ambjent ta' politika abilitanti u favorevoli fil-livelli kollha. Dan jinkludi l-mobilizzazzjoni u l-użu effettiv ta' finanza pubbliċi domestiċi u internazzjonali, il-mobilizzazzjoni tas-settur privat domestiku u internazzjonali, u t-tisħiħ tal-kapaċità tal-pajjiżi sħab biex ikun hemm bidla li tistimola l-kummerċ u l-investment, tipromwovi x-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni kif ukoll tindirizza l-isfidi u tisfrutta l-effetti pożittivi tal-migrazzjoni.
99. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jaħdmu mal-pajjiżi sħab biex jippromwovu ambjenti ta' politika tajbin għall-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030. Huma ser jappoġġaw il-kapaċità tal-istat biex jiformula u jimplimenta politiki u oqfsa tar-riżultati nazzjonali inklużivi dwar żvilupp sostenibbli kif ukoll biex iżid ir-responsabbiltà u r-reattività għaċ-ċittadini. Huma ser jippromwovu politiki li jikkollegaw azzjoni pubblika u privata favur l-iżvilupp u ambjent favorevoli għal tkabbir sostenibbli inklużiv u d-distribuzzjoni ġusta tiegħu permezz tal-bagijs nazzjonali. Huma ser jippjanaw il-kooperazzjoni għall-iżvilupp tagħhom madwar it-tisħiħ tal-kapaċitajiet proprji tal-pajjiżi biex jimplimentaw l-Aġenda 2030 u jilhqqu l-ħtiġijiet u l-aspirazzjonijiet tal-popli tagħhom.
100. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jiffukaw aktar fuq il-ġenerazzjoni ta' riżorsi addizzjonali domestikament għal żvilupp sostenibbli f'pajjiżi sħab. Dan ser jinkludi l-promozzjoni tal-mobilizzazzjoni ta' riżorsi domestiċi, il-promozzjoni ta' ambjenti biex jiżdedu l-flussi privati domestiċi, l-ispinta lill-kummerċ internazzjonali bħala mutur għall-iżvilupp u l-indirizzar ta' flussi finanzjarji illeċiti.

Il-Mobilizzazzjoni u l-Użu ta' Riżorsi Domestiċi

It-tiŝiħ tal-mobilizzazzjoni tar-riżorsi domestiċi huwa importanti għall-isforzi tal-gvernijiet kollha biex jiksbu t-tkabbir inklużiv, il-qerda tal-faqar u l-iżvilupp sostenibbli. Din il-mobilizzazzjoni żżid il-prevedibbiltà u l-istabbiltà tal-finanzjament għal żvilupp sostenibbli u tnaqqas id-dipendenza fuq l-għajjnuna. Flimkien ma' ġestjoni tajba tan-nefqa pubblika hija trendi aktar beni u servizzi pubbliċi fejn dawn huma meħtieġa, filwaqt li ssaħħaħ il-kuntratt soċjali bejn il-gvern u ċ-ċittadini.

L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jipromwovu mobilizzazzjoni u użu effikaċi u effiċjenti tar-riżorsi, inkluż permezz ta' inizjattivi bħall-"approċċ Iġbor Iktar, Onfoq Aħjar". Huma ser jindirizzaw l-evaġjoni tat-taxxa, l-evitar tat-taxxa u l-flussi finanzjarji illeċiti kif ukoll l-effiċjenza, l-effikaċja u l-ġustizzja tas-sistemi tat-taxxa u tal-finanzjament tal-protezzjoni soċjali. L-UE u l-Istati Membri tagħha jappoġġaw ukoll l-Inizjattiva Fiskali ta' Addis Ababa, il-ħidma tal-OECD/G20 biex jindirizzaw l-erożjoni tal-bażi u t-trasferiment tal-profitt, inkluż ir-rapport għal kull pajjiż u l-iskambju ta' informazzjoni fiskali, biex jiġi żgurat li l-kumpaniji jħallsu t-taxxa xierqa għall-attivitajiet kummerċjali u l-profitti tagħhom. Huma jappoġġaw il-parteċipazzjoni tal-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp fil-governanza globali tat-taxxa u f'diskussjonijiet internazzjonali rilevanti u proċessi għall-istabbiliment tal-istandards, inkluż il-Forum Globali dwar it-Trasparenza u l-Iskambju ta' Informazzjoni għall-Finijiet ta' Taxxa u d-diskussjonijiet tal-G20/OECD. Huma jintrabtu li jistinkaw għall-koerenza bejn il-politiki fiskali tagħhom u l-effetti ta' dawn fuq il-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp.

101. Il-finanzjament pubbliku domestiku huwa kruċjali biex l-Aġenda 2030 tiġi implimentata fil-pajjiżi kollha. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jintensifikaw l-appoġġ lill-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp fl-isforzi tagħhom biex isaħħu l-mobilizzazzjoni tal-qligħ, il-ġestjoni tad-dejn u n-nefqa pubblika, l-iżvilupp ta' sistemi tat-taxxa, iżidu l-effiċjenza u l-effikaċja tan-nefqa pubblika u biex jeliminaw gradwalment is-sussidji għall-karburanti fossili dannużi għall-ambjent. L-ODA tkompli taqdi rwol importanti biex tikkomplementa l-isforzi tal-pajjiżi – speċjalment ta' dawk l-aktar foqra u dawk l-aktar vulnerabbli – biex jimobilizzaw ir-riżorsi domestikament. L-UE u l-Istati Membri tagħha jistgħu jikkontribwixxu għat-titjib tal-effiċjenza tal-investiment pubbliku f'pajjiżi sħab billi jappoġġaw oqfsa makroekonomiċi u ta' stabbiltà fiskali, politiki u riformi settorjali tajba, oqfsa baġitarji komprensivi annwali u fuq perijodu medju u sistemi ta' ġestjoni finanzjarja pubblika tajba, inkluż akkwisti trasparenti u sostenibbli.
102. L-UE u l-Istati Membri tagħha huma donaturi ġenerużi tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp, peress li pprovdew aktar minn nofs l-ODA dinjija f'dawn l-aħħar snin. Minkejja li l-ODA, b'mod kwantitattiv, hija żgħira għall-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp kollha kemm huma, hija sors ewlieni ta' finanzjament għall-aktar pajjiżi u LDCs foqra, li għandhom nuqqas ta' kapaċità domestika biex jiġbru finanzjament minn sorsi oħra. L-ODA tista' wkoll tinfluwenza l-kisba ta' mezzi oħra ta' implimentazzjoni, b'mod partikolari l-finanzjament domestiku pubbliku u l-investiment tas-settur privat, iżda wkoll ix-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni.
103. L-UE hija kollettivament impenjata li tipprovdi 0.7 % tad-Dħul Nazzjonali Gross (DNG) bħala ODA fil-qafas ta' żmien tal-Aġenda 2030. Biex ir-riżorsi jiġu mmirati fuq fejn hemm l-aktar bżonn, b'mod speċjali l-LDCs u l-pajjiżi fi stat ta' fraġilità u konflitt, l-UE timpenja ruħha wkoll li kollettivament tilħaq il-mira ta' 0.15 — 0.20 % tal-ODA/DNG għal LDCs fil-perijodu qasir, u li tilħaq 0.20 % ta' ODA/DNG għal LDCs fil-perijodu ta' żmien tal-aġenda 2030. L-UE u l-Istati Membri tagħha jirrikonoxxu wkoll l-isfidi partikolari li qed jiffaċċjaw il-pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-Afrika. F'dan ir-rigward, l-UE tenfasizza l-importanza li L-ODA tiġi mmirata fuq il-kontinent, filwaqt li jiġu rrispettati b'mod sħiħ il-prijoritajiet individwali tal-Istati Membri fl-għajjnuna għall-iżvilupp. L-UE u l-Istati Membri tagħha jaffermaw mill-ġdid l-impenji individwali u kollettivi kollha tagħhom tal-ODA u ser jieħdu azzjonijiet realiċi u verifikabbli biex iwettqu dawn l-impenji. Huma ser ikomplu jimmonitorjaw il-progress u ser jirrapportaw kull sena biex ikun hemm trasparenza u responsabbiltà pubblika.

104. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser ikompli jżidu l-mobilizzazzjoni ta' finanzjament għall-għieda kontra t-tibdil fil-klima bħala parti minn sforz globali, b'mod partikolari billi jipprovdu appoġġ qawwi għall-mitigazzjoni u l-adattament tal-klima fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, f'konformità mal-impenji skont il-Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima u l-Ftehim ta' Pariġi. Huma jirrikonoxxu l-ħtieġa li jiżdiedu l-ħidma u l-finanzjament għall-adattament għat-tibdil fil-klima u l-limitazzjoni tat-tisħin globali, inkluż permezz tal-politiki esterni u ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp tagħhom. Huma ser jagħmlu hilitom biex isaħħu u jżidu l-kobenefiċċji tal-klima fi programmi ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp. L-UE u l-Istati Membri tagħha huma impenjati biex jimmobilizzaw sehemhom mill-mira tal-pajjiżi żviluppanti biex b'mod konġunt jimmobilizzaw USD 100 biljun fis-sena sal-2020 u mbagħad sal-2025 għall-mitigazzjoni u l-adattament, minn varjetà wiesgħa ta' sorsi, strumenti u kanali. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser ikompli d-djalogu politiku biex jissaħħu l-impenji minn fornituri oħra.
105. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser ikompli jiżguraw li l-ODA tkun immirata tajjeb u użata b'mod strateġiku, u b'mod koerenti f'dak li għandu x'jaqsam ma' mezzji oħrajn ta' implimentazzjoni mis-sorsi kollha. F'dan ir-rigward, l-UE ser timpenja ruħha b'inizjattivi biex titkejjel aħjar il-firxa sħiħa ta' finanzjament għall-iżvilupp, bħall-miżura proposta mill-OECD dwar l-Appoġġ Uffiċjali Totali għall-Iżvilupp Sostenibbli.
106. Il-kooperazzjoni għall-iżvilupp ser tappoġġa lill-pajjiżi sħab biex jiġġeneraw tkabbir inklużiv permezz tal-parteċipazzjoni tagħhom fil-kummerċ dinji, kif ukoll issaħħaħ il-kontribut tal-politika kummerċjali tal-UE għall-iżvilupp sostenibbli. Il-kooperazzjoni għall-iżvilupp ser tgħin biex tissaħħaħ l-inklużjoni u l-implimentazzjoni tal-kapitoli dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli fil-ftehimiet kummerċjali, jiżdied l-aċċess preferenzjali għal pajjiżi vulnerabbli fis-suq tal-UE u appoġġ għal kummerċ ġust u etiku, u tiżviluppa aktar il-politiki sabiex jiżguraw il-ġestjoni responsabbli tal-katini tal-provvista. Dan jinkludi l-appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika u Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles ma' pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp, kif ukoll preferenzi unilaterali bħall-aċċess mingħajr dazju u mingħajr kwoti għas-suq tal-UE pprovdut lill-pajjiżi l-anqas żviluppanti permezz tal-arranġament Kollox ħliet Armi. Il-koordinazzjoni b'mod aħjar tal-għajjnuna u tal-programmi ta' kooperazzjoni f'dawn l-oqsma ser tippermetti lill-UE sabiex tuża l-opportunitajiet u tinfluwenza relazzjoni kummerċjali aktar mill-qrib biex tiġi promossa din l-aġenda bbażata fuq il-valuri lejn is-sħab kummerċjali tagħna.

107. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jippromwovu l-applikazzjoni ta' mezzi oħrajn ta' implimentazzjoni, inkluż ix-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni. Huma ser ifittxu li jimmassimizzaw l-opportunitajiet mix-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni biex ifittxu soluzzjonijiet ġodda għall-isfidi globali, filwaqt li jittieħed kont tal-ħidma tal-Mekkaniżmu tal-Faċilitazzjoni tat-Teknoloġija, il-Bank tat-Teknoloġija għall-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati u organizzazzjonijiet rilevanti oħra. Huma ser ikomplu jinvestu fir-riċerka u l-iżvilupp fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw u għalihom, inkluż it-titjib tas-sistemi ta' innovazzjoni nazzjonali. Huma ser jimmiraw li jsaħħu impatti li jistgħu jitkejlu fuq il-progress lejn l-SDGs permezz ta' approċċ ta' Riċerka Responsabbli u Innovazzjoni inkluż aċċess miftuħ għar-riżultati tar-riċerka u d-data għal proġetti finanzjati pubblikament u edukazzjoni għax-xjenza.

4.2. Koerenza tal-Politika għall-Iżvilupp biex jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli

108. L-iżvilupp sostenibbli huwa fil-qalba tal-proġett tal-UE u ankrat sew fit-Trattati, inkluż għall-azzjoni esterna tagħha. L-UE u l-Istati Membri tagħha huma impenjati biex jiżguraw żvilupp li jissodisfa l-ħtiġijiet tal-preżent mingħajr ma tiġi kompromessa l-kapaċità tal-ġenerazzjonijiet futuri li jissodisfaw il-ħtiġijiet tagħhom stess. L-iżgurar ta' koerenza politika għall-iżvilupp sostenibbli kif inkorporat fl-Aġenda 2030 jeħtieġ li jittieħed rendikont tal-impatt tal-politiki kollha dwar l-iżvilupp sostenibbli fil-livelli kollha – nazzjonali, fl-UE, fil-pajjiżi l-oħra u fil-livell globali.

109. L-UE u l-Istati Membri tagħha jaffermaw mill-ġdid l-impenn tagħhom lejn il-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp (PCD), li teħtieġ li jittieħed kont tal-objettivi tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp fil-politiki, li x'aktarx jaffettwaw lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Dan huwa element kruċjali tal-istrateġija biex jinkisbu l-SDGs u kontribut importanti għall-objettiv usa' tal-Koerenza tal-Politika għall-Iżvilupp Sostenibbli (PCSD). L-Aġenda 2030 tipprovdi impetu ġdid għall-UE u l-Istati Membri tagħha biex jifformulaw u jimplimentaw politiki li jirrinforzaw lil xulxin.

110. Il-Kunsens ser jiggwida l-isforzi fl-applikazzjoni tal-PCD mal-firxa kollha ta' politiki u fl-oqsma kollha koperti mill-Aġenda 2030, waqt li jfittex sinerġiji, inkluż b'mod partikolari fir-rigward tal-kummerċ, il-finanzi, l-ambjent u t-tibdil fil-klima, is-sigurtà tal-ikel, il-migrazzjoni u s-sigurtà. Ser tingħata attenzjoni partikolari għall-ġlieda kontra l-flussi finanzjarji illeċiti u l-evitar tat-taxxa, u biex ikunu promossi l-kummerċ u l-investiment responsabbli.
111. Li jkun hemm riżultati fir-rigward tal-qafas universali l-ġdid għall-iżvilupp sostenibbli fil-qasam tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp hija responsabbiltà kondiviża tal-partijiet ikkonċernati kollha. L-iżvilupp sostenibbli jeħtieġ approċċ olistiku u approċċ ta' politika transettorjali u fl-aħħar mill-aħħar huwa kwistjoni ta' governanza, li jeħtieġ li jiġi segwit fi sħubija mal-partijiet ikkonċernati kollha u fuq il-livelli kollha. L-UE u l-Istati Membri tagħha, għaldaqstant, ser jippromwovu approċċi minn kull parti tal-gvern u jiżguraw is-sorveljanza politika u l-isforzi ta' koordinazzjoni fil-livelli kollha għall-implimentazzjoni tal-SDG. Sabiex jappoġġaw aħjar il-formulazzjoni tal-politika u t-teħid tad-deċiżjonijiet huma ser jiżguraw il-bażi ta' evidenza tal-impatti ta' politika fuq il-pajjiżi li qed jiżviluppaw permezz ta' konsultazzjonijiet, involviment mill-partijiet ikkonċernati u valutazzjonijiet tal-impatt ex ante u evalwazzjonijiet ex post ta' inizjattivi ta' politika ewlenin. L-azzjoni li għaddejja tal-UE lejn ktajjen ta' provvista globali u sostenibbli, bħal fis-setturi tal-injam u tat-tessuti, turi l-valur miżjud ta' approċċ koerenti. L-inizjattivi ta' politika għandhom, kull fejn ikun rilevanti, jindikaw kif jikkontribwixxu għall-iżvilupp sostenibbli f'pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp. Dan huwa strumentali wkoll għat-titjib tal-monitoraġġ u r-rappurtar dwar il-PCD tal-UE u tal-Istati Membri tagħha.
112. B'kont meħud tal-universalità tal-Aġenda 2030, l-UE u l-Istati Membri tagħha ser iħeġġu wkoll lil pajjiżi oħrajn biex jivvalutaw l-impatt tal-politiki proprji tagħhom fir-rigward tal-kisba tal-SDGs, inkluż fil-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp. Barra minn hekk, l-UE u l-Istati Membri tagħha ser isaħħu d-djalogu tagħhom ma' pajjiżi sħab dwar il-koerenza tal-politika u ser jappoġġaw lill-pajjiżi sħab fl-isforzi tagħhom stess biex jistabilixxu oqfsa għall-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp sostenibbli. Huma ser jieħdu rwol ta' tmexxija fil-promozzjoni tal-koerenza tal-politika f'fora internazzjonali bħalma huma n-NU u l-G20, bħala parti mill-appoġġ ġenerali tagħhom għall-Aġenda 2030 fl-azzjoni esterna tagħhom.

4.3. L-Effikaċja tal-Iżvilupp

113. L-UE u l-Istati Membri tagħha jaffermaw mill-ġdid l-impenn tagħhom li japplikaw il-prinċipji ewlenin tal-effikaċja tal-iżvilupp, kif adottati f'Busan fl-2011 u mgiedda fil-Forum ta' Livell Għoli ta' Nairobi fl-2016. Huma jimpenjaw ruħhom li jsaħħu l-fokus fuq ir-riżultati, isaħħu t-trasparenza u r-responsabilità reċiproka; itejbu s-sjieda tal-pajjiż u jippromwovu sħubijiet ta' żvilupp inklużivi. Huma jirrikonoxxu l-ħtieġa li r-riżorsi kollha ta' żvilupp u s-sħab kollha jaħdmu flimkien b'mod effettiv biex jiżguraw riżultati sostenibbli u jiżguraw li ħadd ma jitħalla lura. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser javvanzaw b'din il-ħidma b'mod lineari inkluż fil-kuntest tal-GPEDC. Il-kooperazzjoni tagħhom għall-iżvilupp ser titwettaq f'kooperazzjoni mill-qrib ma' sħab oħrajn u bi trasparenza sħiħa lejn iċ-ċittadini fl-Ewropa u l-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp.
114. Il-prinċipji ta' effikaċja tal-iżvilupp japplikaw għall-forom kollha ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp. Dan jinkludi finanzjament pubbliku internazzjonali, bħall-ODA u l-kooperazzjoni Nofsinar-Nofsinar u trijangolari, self konċessjonarju u mhux konċessjonarju u attivitajiet mill-atturi tas-soċjetà ċivili, is-settur privat u l-fondazzjonijiet filantropiċi. L-UE u l-Istati Membri tagħha jistennew li s-sħab għall-iżvilupp kollha jintegraw dawn il-prinċipji fl-attivitajiet tagħhom stess, adattati għall-kuntesti speċifiċi tagħhom.
115. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser ikomplu jkunu favur it-trasparenza, li għandha progressivament tkopri l-firxa sħiħa ta' riżorsi għall-iżvilupp. Huma ser jiżviluppaw għodod biex jippreżentaw u jużaw data dwar kooperazzjoni għall-iżvilupp b'mod aktar effikaċi. Huma ser jappoġġaw lill-pajjiżi sħab biex jorbtu r-riżorsi għall-iżvilupp mar-riżultati, billi jorbtu aħjar il-proċessi tal-ippjanar u tal-ibbaġitjar biex jittejjbu l-proċessi u l-istandards tal-kontabbiltà.

116. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser ikompli jippromwovu u jimmonitorjaw l-użu tas-sistemi tal-pajjiż għall-modalitajiet kollha tal-għajjnuna, fejn tippermetti l-kwalità, inkluż fil-livell lokali sabiex jgħinu fit-titjib tas-sjieda demokratika u l-effikaċja tal-istituzzjonijiet fil-livell nazzjonali u dak subnazzjonali. Huma ser jivvalutaw b'mod konġunt l-effikaċja tas-sistemi tal-pajjiżi sħab, sabiex jiżguraw approċċ infurmat u kkoordinat. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser iħaffu l-isforzi tagħhom biex ineħħu l-irbit fuq l-għajjnuna u jinkoraġġixxu l-fornituri kollha tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp, inkluż l-ekonomiji emerġenti, biex jagħmlu l-istess. Huma għandhom l-għan li jirfinaw id-definizzjoni ta' għajjnuna mingħajr irbit biex jiżguraw li l-fornituri internazzjonali kollha tal-finanzi, inkluż l-iżvilupp emerġenti, ukoll ineħħu l-irbit tal-għajjnuna tagħhom fuq bażi reċiproka.

5. SEGWITU GĦALL-IMPENJI TAGĦNA

117. Fir-rigward tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp, l-UE u l-Istati Membri tagħha huma impenjati bis-siġħ għal sistema komprensiva, trasparenti u responsabbli ta' monitoraġġ u reviżjoni għall-fini tal-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030. Dan jinkludi l-obbligu ta' rendikont lejn iċ-ċittadini tal-UE, inkluż permezz tal-Parlament Ewropew u tal-parlamenti nazzjonali.
118. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jadattaw progressivament is-sistemi ta' rappurtar tagħhom fil-qasam tal-iżvilupp għall-kooperazzjoni biex ikunu konsistenti mal-proċessi u l-indikaturi ta' segwitu tal-Aġenda 2030. Huma ser itejbu l-kwalità u d-disponibbiltà tad-data dwar l-attivitajiet ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp tagħhom, fl-Aġenda 2030 kollha. Huma ser jaħdmu biex jiżguraw li r-rappurtar ikun dejjem aktar komparabbli u konsistenti ma' dak ta' impenji internazzjonali oħrajn.
119. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jintegraw l-Aġenda 2030 u jappoġġaw l-użu ta' indikaturi ta' SDG biex ikejlu r-riżultati ta' żvilupp fil-livell tal-pajjiżi. B'mod partikolari, l-indikaturi ta' SDG jistgħu jrawmu u jiffaċilitaw approċċ komuni tal-UE orjentat lejn ir-riżultati li jiffavorixxi rappurtar tar-riżultati armonizzati fil-livell tal-pajjiż sħab, inkluż oqfsa ta' riżultati fil-livell tal-pajjiż sħab, fejn jeżistu.

120. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jipproduċu rapport ta' sinteżi konġunt dwar il-Kunsens dwar l-Iżvilupp inkluż l-impatt tal-azzjonijiet tagħhom b'appoġġ tal-Aġenda 2030 fil-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp, bħala kontribut għar-rappurtar tal-UE għall-Forum Politiku ta' Livell Għoli tan-NU (HLPF), meta jkun qed jiltaqa' fil-livell ta' Kapijiet ta' Stati kull erba' snin. Dan ir-rapport ser juża rapporti rilevanti oħra tal-UE u jibni fuqhom, inkluż rappurtar dwar riżultati, l-ODA, ir-responsabbiltà dwar l-iffinanzjar għall-iżvilupp, il-PCD, u l-monitoraġġ tal-SDGs f'kuntest tal-UE.
121. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jagħtu spinta lill-kapaċità statistika tal-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp, inkluż permezz ta' kapaċità msaħħa għall-produzzjoni u l-analiżi ta' data, għall-proċessi infurmati ta' tfassil ta' politika u t-teħid ta' deċiżjonijiet, liema informazzjoni, fejn ikun possibbli, għandha tkun disaggregata skont l-introjtu, il-ġeneru, l-età u fatturi oħrajn, u tipprovdi informazzjoni dwar gruppi emarġinati, vulnerabbli u li diffiċli jintlaħqu, governanza inklużiva u kwistjonijiet oħrajn, konsistenti mal-approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-UE. Dan ser jinkludi wkoll investimenti f'istituzzjonijiet tal-istatistika aktar b'saħħithom fil-livelli subnazzjonali, nazzjonali u reġjonali, u l-użu ta' teknoloġiji u sorsi ta' data ġodda. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jinkoraġġixxu lill-pajjiżi sħab tagħhom biex jinkludu l-ilħna ta' komunitajiet emarġinati fil-monitoraġġ tal-SDGs u jipromwovu mekkaniżmi konkreti għal dan l-għan.
122. Barra minn hekk, edukazzjoni u sensibilizzazzjoni dwar l-iżvilupp jista' jkollhom rwol importanti biex iżidu l-livelli ta' involviment fost il-pubbliku u jindirizzaw l-SDGs fil-livell nazzjonali u globali u b'hekk jikkontribwixxu għal ċittadinanza globali.
123. Valutazzjoni ta' nofs it-terminu tal-implimentazzjoni ta' dan il-Kunsens ser titwettaq sal-2024. Din ser tiddeskrivi kif il-Kunsens ġie applikat u x'appoġġ kiseb għall-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser ikejlu l-progress b'mod sistematiku u jaġġustaw l-azzjonijiet tagħhom biex jiżguraw li l-kooperazzjoni tagħhom għall-iżvilupp, inkluż permezz tar-rabtiet tiegħu ma' oqsma ta' politika relatati, tkompli tappoġġa l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 fil-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp.